# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## Magistrat
## Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D. DIP. MATR. (Can)

**Seduta mizmuma llum, 9 ta' Marzu 2016**

**Rikors Numru: 353/2012 CSH**

**Michael Muscat**

**vs**

**Emanuel Dalli**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrenti pprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar id-19 ta' Ottubru 2012 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' tmint elef u tmienja u sebghin ewro (€8,078) jew somma ohra verjuri rapprezentanti danni sofferti mill-attur talli l-konvenut ingombra l-passagg liberu tal-attur fuq ir-raba' ta' Lebbien sive ta' Legano ta' kejl komplessiv ta' sitt itmien, hames sighan u tmien kejliet (6T 5S 8K) li jinsab fil-limiti tal-Gudja u dan billi dejjaq il-passagg li jaghti ghall-istess raba' u b'hekk l-istess raba' ma setghax jinhadem liberament b'ingenji kbar kif kien jinhadem qabel.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa ngunt ghas-subizzjoni u bl-interessi mid-data tan-notifika ta' dan l-avviz.

Rat ir-risposta ta' Emanuel Dalli li giet prezentata fis-7 ta' Novembru 2012 fejn eccepixxa:

1. *"Illi l-attur m'ghandu l-ebda jedd ta' passagg hekk kif hu qed jallega;*
2. *Illi fi kwalunkwe kaz huwa l-attur li jrid jipprova li ghandu dan il-jedd ta' passagg;*
3. *Illi l-konvenut ma ingombra jew dejjaq l-ebda passagg li ghandu jedd fuqu l-attur;*
4. *Illi l-konvenut m'ghandu jwiegeb ghall-ebda danni versu l-attur;*
5. *Illi sta ghall-attur li jipprova d-danni li huwa qed isostni li hu sofra;*
6. *Illi fi kwalunkwe kaz l-ammont mitlub minnu bhala danni hu wiehed esagerat;*
7. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi."*

Rat in-nota ta' Michael Muscat ipprezentata fl-atti nhar id-9 ta' Jannar 2013 (fol. 11) li permezz taghha ipprezenta numru ta' dokumenti fosthom l-affidavit tieghu li gie mmarkat bhala Dok MM, kopja ta' rapport maghmul l-Ghassa tal-Pulizija Zejtun nhar it-13 ta' Novembru 2011 mmarkat Dok MM1, kopja ta' ittra mibghuta mill-Ministeru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali fejn tispjega x'kien intitolat jiehu mill-istess dipartiment li kieku l-art kienet mahduma mmarkata bhala Dok MM2, stima ta' valur tat-telf ta' prodotti ta' ucuh tar-raba fiz-zmien meta l-attur ma kellux access ghall-artijiet in kwistjoni mmarkata bhala Dok MM3 u finalment l-affidavit ta' Joseph Debono mmarkat bhala Dok JD.

Rat l-affidavit ta' **Michael Muscat** li gie pprezentat fid-9 ta' Jannar 2013 fejn iddikjara li r-raba' Ta' Lebbien sive Ta' Legano in kwistjoni kien originarjament imqabbel lil missieru Karmnu Muscat fejn kien ihallas Lm6 qbiela tar-raba' u Lm1 tar-razzett lil Gio Maria Galdes u Anthony Zammit u biz-zmien, meta l-post intiret mill-Kurja beda jhallas lill-Kurja. Fl-1973 missieru dawwar il-qbiela tar-raba' u r-razzett fuqu u minn Santa Marija 1973 'il quddiem, il-qbiela dejjem hallasha hu. Huwa baqa' jhallas bl-istess rata ta' qbiela bhalma kien ihallas missieru u ilu jahdimha din ir-raba' minn meta

cedihielu missieru. L-attur kien inkariga lil Joseph Debono wkoll biex jghinu f'dan ix-xoghol.

L-attur spjega illi biex jidhol fir-raba' ried jghaddi minn Birzebbugia Road u minn din it-triq kien hemm fetha fejn kien hemm xatba li taghti ghal moghdija fuq bicca raba' li qieghda f'idejn Dalli biex imbaghad minn din il-moghdija huwa jasal ghar-raba' tieghu. Fil-bidu kienu jghaddu minn dan il-passagg bil-bhejjem u mbaghad anke bil-vann.

Huwa tenna li bejn ir-raba' ta' Dalli u r-raba' tieghu kien hemm fetha fil-hajt, bhal bieb, wiesgha bejn tmien piedi u nofs u disa' piedi u fl-20 ta' Gunju 2007 huwa dahal fir-raba' tieghu u sab li dan il-bieb kien in parti mblokkat bil-gebel imwaqqa' mill-hajt tas-sejjiegh. Hu warrab dan il-gebel biex ikun jista' jghaddi u dahal jahrat l-ghalqa tieghu u kif lesta hareg u halla kollox kif kien. Ftit taz-zmien wara l-konvenut bena hajt bil-kantun u l-fetha giet madwar zewg piedi u nofs u ghalhekk l-attur ma setax jidhol bil-vann jew bit-tractor. L-attur sostna illi kellu jiftahlu kawza talli fost affarijiet ohra dejjaq il-passagg u b'hekk ma setax idahhal l-ingenji.

F'Novembru 2007, il-konvenut harat l-ghalqa kollha tieghu inkluz il-passagg li kien jghaddi minnu hu u ghalhekk mar jaghmel rapport l-ghassa tal-pulizija. L-attur ma setax ikompli jahdem l-ghalqa minhabba li ma setax idahhal il-vann. Huwa dahal biss meta l-Imhallef Joseph Zammit McKeon kien ghamel access fuq il-post. Ghalhekk l-ghalqa thalliet mitluqa. Il-kawza li huwa fetahlu 847/2007 JZM – Michael Muscat vs Emanuel Dalli giet deciza fil-31 ta' Mejju 2012 mill-Imhallef Zammit McKeon u l-konvenut gie ordnat sabiex jerga' jwessa l-fetha tal-bieb ghal wisgha ta' disa' piedi u jerga' jgib il-moghdija ghall-istat li kienet qabel. Dalli hekk ghamel izda gara li kien hemm sigra fl-ghalqa ta' Dalli li kien halliha tikber u bdiet taghlaq parti mill-fetha. L-attur mar ikellem lill-avukat tieghu fuq is-sigra u l-avukat kiteb lil Dalli biex jizbor is-sigra.

Huwa ddikjara li l-ewwel darba li setghu jahartu l-ghalqa kien f'Ottubru 2012. Ghalhekk huwa sostna li tilef madwar hames snin ta' bejgh u sussidju fuq din l-ghalqa ghax ma nhadmitx. L-avukat tieghu kien kiteb lill-Ministeru kkoncernat sabiex jara kemm tilef intitolamenti mis-sena 2007 sas-sena 2012 u rrizulta li tilef erbat elef, hames mija u wiehed u sebghin Ewro u tlieta u erbghin centezmu (€4,571.43) (Dok. MM2). In-neputi tieghu Joseph Debono hadimlu wkoll kemm tilef profitti minn bejgh tal-prodotti u ammontaw ghal tlett elef, hames mija u seba' ewro u tmienja u tletin centezmu (€3,507.38) (Dok. MM3). Huwa ghalhekk iddikjara li Emanuel Dalli ghandu jhallsu l-ammont ta' tmint elef u tmienja u sebghin ewro (€8,078) kif ukoll l-ispejjez tal-kawza.

Rat l-affidavit ta' **Joseph Debono** li gie pprezentat ukoll fid-9 ta' Jannar 2013 fejn iddikjara li l-attur jigi zijuh (hu ommu) u jiftakar li dejjem kien imur fir-raba' Ta' Legano sive Ta' Lebbien fil-limiti tal-Gudja fejn hemm ukoll razzett. Dawn kienu bi qbiela fuq in-nannu tieghu Karmenu Muscat originarjament izda huwa dawwar il-qbiela fuq zijuh Michael Muscat. Ix-xhud stqarr illi hu jmur regolarment fuq dan ir-raba' u razzett. Il-parti l-kbira jahdmu u jiehu hsiebu huwa stess. Huwa m'ghandux kwistjonijiet mal-attur u li jaghmel fir-raba' jaghmlu ghal beneficcju tal-attur u ghax hu jhobb jahdem ir-raba'.

Debono spjega li dawn il-proprjeta' kienu ta' certu Gio Maria Galdes u Anthony Zammit u wara waqghu f'idejn il-knisja u beda jiehu hsiebhom il-prokuratur tal-beneficcju ta' Legano sive Ta' Lebbien u sussegwentement l-amministrazzjoni u l-proprjeta' tal-istess waqghat f'idejn il-Joint Office. L-art hija wkoll registrata fuq isem zijuh mal-Ghammieri.

Huwa stqarr illi l-art ABCD indikata fil-pjanta dok. JD1 hi mqabbli lil Michael Muscat u hu ghandu d-dritt ta' passagg kif jidher fil-pjanta minn fuq il-porzjoni art fejn hemm indikat l-ittra A. Din l-art indikata bl-ittra A hija fil-pussess ta' Emanuel Dalli. Huma riedu jidhlu fir-raba' ABCD minn fetha ghal fuq it-triq

fejn hemm indikat bi vlegga u l-kliem 'bieb ghall-moghdija' u kienu jghaddu magenb ir-razzett u l-hajt tas-sejjiegh tal-ghalqa tal-konvenut biex jidhlu dirett ghall-ghalqa taghhom (Plot 7 fuq Dok JD2).

Huwa zied jispjega li bejn l-ghalqa tal-attur u dik tal-konvenut kien hemm fetha bejn tmienja u disa' piedi. Il-konvenut kien qabad u cekken il-wisgha ghal zewg piedi u nofs u fl-20 ta' Gunju 2007 fis-7.00am, l-attur mar jahrat u nduna b'dan it-tnaqqis fil-bieb u qabad u qalghu ghax kellu bilfors jghaddi bl-ingenji biex jahrat ir-raba' tieghu. Dwar dak li sab zijuh, sar rapport mal-Ghassa taz-Zejtun u ftit wara marru jiehdu parir u sussegwentement infethet il-kawza fis-6 ta' Awwissu 2007 fl-ismijiet Michael Muscat vs Emanuel Dalli. Peress illi l-konvenut kien cekken il-fetha tal-bieb li taghti ghall-ghalqa, huma ma setghux idahhlu l-ingenji taghhom u barra minn hekk f'Novembru 2007, Dalli kompla harat il-passagg li kienu jghaddu minnu u b'hekk saret aktar difficli biex ikunu jistghu jidhlu f'din l-ghalqa.

Ix-xhud tenna li apparti din l-ghalqa, huma jahdmu f'ghalqa ohra li hi mqabbla lill-attur. Din hi indikata bhala plot 1 fuq id-dokument anness (Dok. JD2) li biex jaslu ghaliha jridu jghaddu mill-istess passagg li jghaddu minnu ghall-ewwel ghalqa u jghaddu minn zewg ghelieqi ohra li wkoll igawdu dritt ta' passagg fuqhom. Pero' huma lanqas ma setghu idahhlu l-ingenji taghhom fl-ghalqa l-ohra. Iz-zewg ghelieqi bejniethom jammontaw ghal sitt itmiem. Huwa spjega li huma s-soltu jizirghu f'dawn l-ghelieqi qamh u patata.

Minhabba dan l-agir tal-konvenut u kif ukoll minhabba li kien dahal f'proprjeta' ohra, l-attur kien fetah kawza ta' spoll kontra Emanuel Dalli li giet deciza fil-31 ta' Mejju 2012. F'din is-sentenza Dalli kien gie ordnat iwessa l-bieb ghal disa' piedi u cioe' kif kien qabel fi zmien xahar minn meta nqaghtet il-kawza. Il-konvenut hekk ghamel pero' kien hemm sigra tikber gol-passagg li Dalli halliha tikber u baqa' ma nehhihiex. Huma hadu parir ghand l-avukat u hu kitiblu ittra (Dok JD3) biex inehhi s-sigra. Is-sigra tnehhiet ghal habta ta' Ottubru 2012.

Huwa stqarr illi filfatt hu dahal jahrat l-ghalqa wara assenza ta' hames snin lejn l-ahhar ta' Ottubru jew bidu ta' Novembru 2012.

Huwa sostna li f'dawn is-snin li ma setghux jidhlu fl-ghelieqi huma tilfu l-prodotti ghax ma setghux jahdmu fihom. Ghalhekk it-talba tal-attur tammonta ghal tmint elef u tmienja u sebghin ewro (€8,078) li tlett elef, hames mija u seba' ewro (€3,507) minnhom huma telf ta' profitt (Dok JD4) fuq l-ghelieqi u erbat elef, hames mija u wiehed u sebghin Ewro (€4,571) bhala sussidju (Dok JD5) li tilfu ghax ma setghux jahdmu l-ghelieqi.

**Vince Gilson** xehed fit-30 ta' Jannar 2013 fejn esebixxa l-*property form* kif ukoll xi dokumenti konsistenti b'xi *site plans* rigwardanti l-art li huwa gie mitlub jixhed dwarha u cioe' zewg porzjonijiet art ossia plot 1 u plot 7 tal-Lebbien jew ta' Legano Limiti tal-Gudja. Huwa spjega li skont l-ewwel ricevuta li l-art bdiet tithallas fl-ufficcju taghhom, din hija datata 1992 u dan wara ic-*church state agreement*. Pero' fil-file ghandhom ukoll ricevuti li kienu gew ghandhom minghand il-Knisja. L-ahhar ricevuta li kienet harget f'isem Carmenu Muscat hija datata 1972 u l-ewwel wahda f'isem Kelinu sive Michael Muscat hija fin-1973.

Ix-xhud esebixxa kopja tar-*registration plan* taz-zewg plots, plot 1 u plot 7 rigwardanti il-kejl relattiv, u esebixxa *auto photo* rigwardanti dawn il-plots, kif ukoll *base map* tan-1968. Ix-xhud jahseb li m'hemmx access mit-triq pero' huwa mhux persuna teknika u lanqas ma jidher li hemm passaggi. Dawn id-dokumentazzjoni kollha relatati ghal plot 1 u plot 7 gew immarkati komplessivament mill-Qorti bhala dokument CSH. Huwa esebixxa wkoll sett dokumenti relatati dwar artijiet li huma mqabbla f'isem Emanuel Dalli, liema artijiet jinsabu fl-istess akkwata li gew immarkati mill-Qorti bhala dokument CSH1. F'dan id-dokument hemm pjanta tar-*registration*, il-*property form* u d-dokumenti kollha ta' meta din l-art giet mghoddija lilhom minghand il-Knisja.

Huwa stqarr li l-propjetajiet ta' Muscat huma dawk highlighted bl-isfar fuq id-dokument CSH fl-*auto photo*, waqt li l-propjeta' mmarkata bir-roza hija propjeta' ta' Dalli. It-triq hija dik murija fuq il-pjanta fejn hemm l-abjad. Meta qal li ma hemmx access jew passagg, huwa kien qed jirreferi ghall-propjetajiet ta' Muscat u cioe' dawk li huma highlighted bl-isfar.

**PS 1386 Anthony Agius** xehed fl-4 ta' April 2013 fejn iddikjara li huwa stazzjonat l-ghassa tal-pulizija taz-Zejtun bhala surgent. Huwa gie mitlub biex jixhed fuq rapport datat 13 ta' Novembru 2007 maghmul minn Michael Muscat. Ix-xhud jirrizultalu minn ezami ta' rapport li huwa esebixxa u li gie mmarkat bhala Dok. PIRS illi fit-13 ta' Novembru 2007 ghal habta tal-erbgha u nofs ta' wara nofsinhar kien mar l-ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun certu Michael Muscat fejn kien qal li kellu kwistjoni civili ma' kuginuh rigwardanti ghalqa li tinsab f'tal-Lebbien limiti tal-Gudja. Filfatt kien irraporta li dakinhar stess kien mar f'ghalqa tieghu u sab li kienet mahruta. F'nofsinhar kien rega' mar u sab li anke l-moghdija kienet giet mahruta b'mutur zghir. Filfatt Michael Muscat kien spjegalu li huwa xtaq jaghmel dan ir-rapport ghal xi finijiet futuri.

Mistoqsi mill-Qorti jekk hargux xi akkuzi dwar *pretended rights*, is-Surgent wiegeb li ma kinux hargu u lanqas ma kienu baghtu ghall-kugin. Mistoqsi jekk kienx sar xi access fuq il-post in kwistjoni wiegeb li ma kien sar l-ebda access u filfatt fuq ir-rapport ma hemmx imnizzel li sar. Mistoqsi jekk kienx hemm xi kwistjonijiet jew rapporti ohrajn fuq din l-ghalqa bejn il-partijiet, wiegeb li ma jirrizultax li kien hemm.

**Mario Bajada** in rapprezentanza tal-Kap Agenzija ghall-Pagamenti xehed fl-4 ta' April 2013 fejn iddikjara li huwa jokkupa l-kariga ta' Principal fl-agenzija tal-pagamenti. Huwa spjega li kull min applika fis-sena elfejn u sebgha (2007) biex jiehu l-ghajnuna biex jahdmu r-raba fis-sena elfejn u tmienja (2008) hargu xi entitlements. Dawn l-entitlements hargu fuq ir-raba li kienet qed tinhadem u kienu jitqassmu f'perjodu ta' hames snin mill-elfejn u tmienja (2008) sal-elfejn

u tnax (2012) billi nqasmu fuq 40% u 50%. Ix-xhud sostna li ghalihom huwa mportanti li jsir il-wicc fl-ghalqa u l-entitlement jigi kunsiderat skond l-area tal-ghalqa.

Ix-xhud qal li Michael Muscat ma applikax ghal din l-entitlement, cioe' ghall-ghelieqi Plot 1 u Plot 7 f'ta' Legano sive tal-Lebbien limiti tal-Gudja u kieku applika seta' jiehu l-valuri li hemm indikat fid-dokument li huwa esebixxa u li gew immarkati bhala dokument CSH.

Ix-xhud irrizultalu li fis-sena elfejn u disgha Michael Muscat kien applika ghal xi ghajnuna dejjem fuq dawn l-istess ghelieqi pero' peress li huwa kien applika fis-sena elfejn u disgha (2009) u mhux fis-sena elfejn u sebgha (2007) ma nghatax l-entitlement ghax l-entitlements kienu nhargu biss darba fis-sena elfejn u sebgha (2007). Michael Muscat kien inghata entitlements izda fuq raba ohra li kien applika fis-sena elfejn u sebgha (2007). Dawn l-entitlements kienu hargu biss darba fis-sena 2008.

Huwa spjega li huma ma jidhlux f'kwistjoni ta min hi l-proprjeta bhala agenzija. Ghalihom importanti biss huwa min kien qed jahdem ir-raba. Huwa kkonferma li persuna li qed tapplika tista' ma tkunx is-sid propju tal-ghalqa, dak li jkun qed japplika irid jaghmel dikjarazzjoni li hu qed jahdem l-ghalqa biss. Sussegwentament ix-xhud hareg struzzjonijiet biex jara jekk hux veru wicc l-ghalqa qed tigi mahduma u jekk jirrizulta li verament, l-ghalqa hija mahduma dan ikun intitolat ghal entitlement. Jekk l-ghalqa ma tkunx qed tigi mahduma jehel sanzjoni ghax ikun ghamel dikjarazzjoni falza.

**Joseph Debono** xehed fit-3 ta' Lulju 2013 fejn iddikjara li huwa jigi n-neputi tal-attur. Mistoqsi jekk huwiex familjari mal-ghelieqi mertu tal-kawza in kwistjoni wiegeb li iva, u ilu jiffrekwenta dawn l-ghelieqi minn mindu kellu erba' snin. Illum il-gurnata x-xhud ghandu tmienja u erbghin sena maghluqa. Effettivament huma kienu jaslu ghal dawn l-ghelieqi u kienu jghaddu minn triq

maghrufa bhala Birzebbugia Road, sussugwentament tigi minn faccata ta' xatba b'razzett maghha, u jifthu din ix-xatba u jghaddu b'passagg mill-ghelieqi sakemm jaslu ghall-ghelieqi taghhom. Effettivament allura l-passagg li jghaddu minnu sabiex jigu ghall-ghelieqi taghhom jaghmel mal-ghelieqi ta' Manuel Dalli illum il-gurnata, pero' qabel fil-passat kienet ta' Patist, li jigi n-nannu tax-xhud. Huwa spjega li minn dejjem hekk jaf biex jghaddi ghall-ghelieqi taghhom.

Ix-xhud esebixxa *ariel view* mahrug mill-MEPA li l-Qorti mmarkat bhala dokument CSH. Fil-fatt l-ewwel pjanta li esebixxa hija datata 1957, u dokument CSH1 hija ariel view ohra datata 1994 u dokument iehor immarkat bhala CSH2 li huwa datat 2004. Ix-xhud indika lill-Qorti u dan billi ghamel thazziza bil-blu fuqu l-passagg li dwaru qed jitkellem. Ix-xhud indika fuq il-pjanta b'ittra A fejn hemm ix-xatba li taghmel mal-propjeta' tas-sur Dalli u ittra B li hija d-dhul ghal ghalqa taghhom. Huwa indika wkoll permezz ta' linji orizzontali bil-biro fuq il-pjanti li ghadu kif esebixxa tal-ghelieqi taghhom.

Huwa spjega li fl-20 ta' Gunju 2007 tpoggew xi gebel, pero' ma jafx min ezattament ghamilhom u cioe' mill-ghalqa tas-Sur Dalli ghall-ghalqa taghhom fil-fetha taghhom. Huwa jaqbel li b'dawn il-gebel huwa seta' jghaddi biss bir-rigel. Naturalment x-xhud ma xtaqx inehhi l-gebel minghajr ma jghidlu. Ix-xhud spjega li l-ghalqa jahdimha bil-mutur u ghalhekk kien jinhtieg li jitnehhew dawn il-gebel. Meta x-xhud talbu biex inehhihom qallu li dan kien sabiex ma jkollux dritt li jidhol fl-ghalqa.  Sussegwentament kien mar iz-ziju tieghu fl-ghalqa u meta sab l-istess qabad u nehha l-gebel huwa stess. Iz-ziju mbaghad qal lix-xhud b'dak li kien sab u li xtaq imur  jaghmel rapport l-ghassa. Huwa ghamel ir-rapport, u fil-fatt spiccaw ghamlu kawza civili, u fil-fatt esebit fl-atti hemm is-sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Prim'Awla nhar 31 ta' Mejju 2012. Sussegwentement qal li sabu l-bieb taghhom li jaghti ghall-ghelieqi taghhom maghluq kompletament u dan kien maghluq b'gebel tal-kantun gholi xi tliet

filati u ghal darba ohra regghu marru jaghmlu rapport l-ghassa. Il-post dam f'dan l-istat sakemm damu l-Qorti u nfetah f'Gunju 2012.

Rat il-verbal taghha tat-3 ta' Lulju 2013 (fol. 86) fejn bi qbil bejn il-partijiet innominat lill-Espert Tekninu Dr Charles Francis Grech u dan sabiex jiehu konjizzjoni tad-dokument MM3 esebit fl-atti u jiffissa seduta wahda bejn il-partijiet bil-ghan li jara jekk l-amonti mitluba mill-attur humiex reali.

Rat illi fit-12 ta' Frar 2014 l-Espert Tekniku Charles Francis Grech pprezenta ir-relazzjoni teighu li giet mmarkata bhala dok CFG. (fol. 112) u giet ikkonfermata bil-gurament minnu nhar is-27 ta' Marzu 2014 (fol. 111).

Minn ezami ta' din ir-relazzjoni jirrizulta li fil-fehma tieghu, minhabba in nuqqas ta' hidma ta' l-art fuq perijodu ta' zmien kif indkat fil-kawza l-attur sofra danni fl-ammont ta' tlett elef, mitejn u hamsin ewro (€3,250). Zied ighid li mill-ammont mitlub mill-attur huwa kien naqqas is-somma ta' mitejn u hamsin ewro u tmienja u tletin centezmu (€250.38).

**Dr Charles Francis Grech** xehed fl-14 ta' Mejju, 2014 fejn ghamel referenza ghal dak li qal fir-rapport tieghu u cioe' ghal xi spejjez ohra u mistoqsi jekk ghandux jinkludi wkoll l-ispiza nvoluta ghal tahrit tal-art kif ukoll ghal fertilizzanti u affarijiet simili wiegeb li fix-xhieda tieghu l-attur qal li huwa ma jdemmilx, u dan ifisser li huwa mhux qed juza la demel organiku u lanqas inorganiku, u huwa jaf li din mhux l-ewwel darba li din il-haga ma ssirx. Fil-fatt ix-xhud stqarr illi llum Malta bhalissa ghandna problema ta' tidmil zejjed. Meta bniedem ma jdemmilx dan ifisser li jkun qed jiehu hsieb l-*acquifer*, li huwa l-impjant tal-ilma. Ix-xhud irrizultalu li effettivament tahrit ma sarx, pero' li kieku sar it-tahrit l-ispejjez kienu jkunu minimi, ghax l-ingenji huma tieghu stess. Ghalhekk l-ispiza kienet tkun xi ghoxrin jew tletin ewro. Ix-xhud tenna li effettivament Michael Muscat stqarr li huwa ma jaghmilx bexx. Huwa tefa' l-ammont ta' hamsin ewro biex ikun ammont reali, fil-kaz li kieku jsir il-bexx.

Mistoqsi jekk hax into konsiderazzjoni l-ammont ta' spiza li jkun hemm meta jigi mahsud il-qamh sabiex dan il-qamh jingarr, jew effettivament meta tinqala' l-patata u l-istess tingarr, jista' jemmen li effettivament ikun hemm spiza ghal dan il-garr u f'dak il-kaz ikun hemm ghoxrin jew hamsa u ghoxrin ewro ghal garr. Mistoqsi jekk jafx jekk l-atturi kienux marbuta bil-kuntratt tal-Unjoni Ewropea bil-klawsola li tghid li ma tistax tuza' l-bexx fuq il-qamh wiegeb u qal li jekk allura jkun dan il-kaz u cioe' li kienu marbuta li ma jbixxux, meta huwa naqqas l-ispiza, kien ikollhom inaqqsu l-ispiza tal-qamh u jzidu xi haga ohra u ghalhekk jigu paci, u cioe' huwa jikkonkludi billi jghid li minkejja li ma tintuzax spiza ghal bexx l-ammont finali jibqa' l-istess kif citat minnu fir-rapport tieghu. Ghalhekk spjega li biz-zieda li ssolleva l-avukat difensur tal-konvenut u bit-tnaqqis relevat mill-avukat tal-attur qal li l-ammont ghandu jibqa' l-istess.

**Michael Muscat** xehed in kontro-ezami fit-18 ta' Gunju 2014 fejn saritlu referenza ghall-affidavit li huwa kien ghamel li jinsab esebit fl-atti mmarkat bhala Dokument MM a fol 12 et sequitur. Mistoqsi ghandux ghalqa ohra fl-inhawi wiegeb illi iva ghandu pero' kkonferma li dejjem kien jghaddi minn dik l-ghalqa. Minn naha l-ohra, l-ghalqa l-ohra li ghandu m'hemmx minn fejn tghaddi bil-vann. Huwa spjega li mill-ghalqa l-ohra hemm il-bibien u jghaddi minnhom. Huwa gie muri *aerial photograph* li huwa mmarkat bhala Dokument AM6 u spjega illi fejn hemm immarkata s-salib hija l-ghalqa tieghu. Huwa tenna li ma jistax tidhol ghall-ghalqa tieghu l-ohra mit-triq, ghax ma jghaddix. Huwa dejjem mit-triq tar-razzett dahal ghall-ghalqa tieghu ghax minn naha l-ohra m'hemmx access. Huwa tenna illi huwa dejjem dahal mill-ghelieqi ta' Dalli u minn hemmhekk kien jidhol bit-tractor biex jahdem ir-raba'. Huwa kien jghaddi kemm hu wiesgha l-bieb. Meta huwa jidhol bil-mixi huwa jghaddi minn mal-hajt u meta' jghaddi bit-tractor jghaddi wkoll mill-genb. Huwa fl-antik kien jghaddi bil-karettun. Ir-razzett fil-fatt ghandu nofsu hu.

Ix-xhud gie muri fol 85 li huwa aerial photo pprezentat minnu stess. Mistoqsi jekk jaghrafx l-ghelieqi tieghu huwa indika salib fejn hemm l-ghalqa tieghu. Mistoqsi b'referenza ghall-ghalqa li ghandu mmarkata bhala Dokument A a fol 85 jistax jghaddi mit-triq direttament wiegeb illi le ma jistax jghaddi. Mistoqsi jekk jistax jipprezenta statements tat-taxxi tieghu ta' qabel l-'07 wiegeb li iva jista' u pprometta li jezebihom fis-seduta sussegwenti. Ix-xhud spjega li l-formoli tat-taxxa jimlihom Joe Debono u l-karti kollha jghaddihom lil Joe Debono hu. Huwa stqarr illi ma jafx jaqra u lanqas jikteb.

Ix-xhud iddikjara li qabel ma naghlaq il-bieb huwa seta' jahdimha r-raba. Mistoqsi meta ghalaqlu l-bieb ta' din l-ghalqa partikolari qal li kien madwar l-elfejn u sebgha u dik l-ghalqa minn dakinhar ma setghax jahdimha aktar. Huwa hadem l-ghelieqi l-ohra tieghu stess. Ix-xhud iddikjara li huwa ghandu ghelieqi ohrajn il-Gudja stess fejn ikabbar it-tiben u l-qamh u ghandu wkoll ghelieqi gewwa Birzebbugia. Huwa sostna li f'dawn iz-zewg ghelieqi huwa qatt ma kabbar patata ghalkemm kien ikabbar qabel fil-passat. Huwa stqarr illi llum jghix bil-pensjoni. Huwa ghandu madwar tlettax-il ghalqa l-Gudja u Birzebbugia ghandu ghalqa wahda.

**Joseph Debono** xehed fit-18 ta' Gunju 2014 fejn iddikjara li huwa jahdem l-agrikoltura u qabel kien jahdem il-Posta bhala mekkanik u jaghmel xi xoghol ta' kitba ghal Michael Muscat. Huwa filfatt jehodlu hsieb l-affarijiet li ghandhom x'jaqsmu ma' raba', dhul u hrug kollha tas-Sur Muscat. Il-formoli tat-taxxa ta' Michael Muscat jimlihomlu hu. Ix-xhud tenna illi meta jmorru jixtru l-affarijiet huwa jigbor l-ircevuti kollha u dawk huma ricevuti li huwa jaghmel referenza ghalihom fil-formola tat-taxxa. Mistoqsi fejn hi r-raba' tas-Sur Muscat qal li jinsabu l-Gudja. Huwa stqarr illi huwa midhla ta' din l-ghalqa partikolari. Ix-xhud jaf li qabel 2007 kien jinzera qamh u patata f'din l-ghalqa mertu tal-kawza izda wara ma setghux jidhlu aktar ghalihom u ghalhekk ma zerawhomx. L-access minn dejjem kien mill-ghalqa ta' Dalli. Huwa m'ghandux access mill-ghelieqi l-ohrajn.

Ix-xhud spjega illi meta huma jridu jidhlu bl-ingenji kbar li ma setghux jghaddu minn fuq il-proprjeta' ta' Dalli bihom huma kienu jitolbu permess specjali minn girien ta' ghelieqi ohrajn. Wiehed minnhom jismu Paul Zammit, iehor jismu Noel Dalli u jiehdu permess minghand wiehed iehor li hu midhla taghhom certu Gian Mari Dalli ghaliex iridu jidhlu minn go tieghu biex jidhlu ghal go taghhom. Huwa ghamel referenza ghall-ghalqa l-ohra li ghandu s-Sur Muscat, u spjega li z-ziju tieghu ghandu razzett bl-ghelieqi maghha privata li m'ghandha x'taqsam xejn mal-mertu tal-kawza u spjega li din tidhol ghaliha minn razzett iehor. Bejn dawn iz-zewg ghelieqi hemm passagg bir-rigel biss u peress li huwa r-raba' taz-ziju tax-xhud, kienu huma li fethuh dan il-passagg. Il-passagg kien mill-istess razzett li kellhom kwistjoni minnu. Mid-dokument a fol 83 ghalqa wahda biss hemm taghhom.

Ix-xhud gie muri dokument 85 u spjega li hemm zewg ghelieqi tal-attur. Huwa spjega li hawn passagg zghir bir-rigel biss li nfetah minn Gian Mari Dalli, Bertu Dalli fl-antik u Loreto Dalli fl-antik. Dawn it-tnejn tal-ahhar huma t-tnejn mejta. Hadd ma ghalaqulhom il-bieb u baqghu juzawh bil-pass biss. Ix-xhud ikkonferma li tista' tigi ghal din l-ghalqa mertu tal-kawza pero' bil-pass biss. Huma setghu jidhlu bil-bhejjem biex jahdmu r-raba' taghhom mill-passagg tas-Sur Dalli. Mistoqsi fejn ikabbar it-tiben, il-qamh u l-patata s-Sur Muscat kif dikjarat fit-taxxa tieghu wiegeb li jaf fejn. Huwa spjega li l-ghalqa li tmiss ma' Dalli fil-passat kienet tkun qamh u l-ghalqa l-ohra li jridu jaqbzu ma' haddiehor ghaliha nofsha jizirghuha patata fejn hemm ir-raba' daqsxejn tajjeb u n-naha l-ohra qamh. Mit-2007 sat-2012 ma nzera xejn, u spicca fi stat zdingat ghax ma setghux jidhlu bl-access bl-ingenji. Huwa sostna li bit-tractor ma stajtx tidhol, izda stajt tidhol bir-rigel biss.

**Dr Michelle Tabone** xehdet fit-8 ta' Ottubru 2014 fejn iddikjarat illi hija qed tixhed ghan-nom u fl-interess tal-Arcidjocesi, il-Kurja ta' Malta. Hija kienet giet mitluba sabiex taghti nformazzjoni dwar raba' u l-passaggi li hemm

moghtija ghal xi gabillotti. Ix-xhud spjegat illi l-plot in kwistjoni hija plot 1 sa 7 ta' Legano sive Ta' Lebbien limiti ta' Gudja. Skond ir-records taghhom dawn jinsabu mqabbla lil Mikiel Muscat. Pero' dwar l-allegat dritt ta' passagg ma sab xejn fir-records taghhom. Huma m'ghandhom l-ebda records ta' passaggi. Hija giet murija fol 40 tal-process u qalet li dan huwa dokument li johrog minn ghandhom. Ix-xhud saritilha referenza ghal fejn hemm indikat Plot 1 and 7 u qal li hemmhekk hemm miktub referenza ta' baghli. Hija tifhem li l-kelma "Baghli" tirreferi ghal art li ma tigix zviluppata. Pero' stqarret illi ma tistax taghti tifsira tal-kelma baghli. Ix-xhud iddikjarat illi dawn il-proprjetajiet jghajtu lil Mikiel Muscat. Plot 6 skont dan id-dokument jghajjat lil Joseph Spiteri. Mistoqsi meta bdiet tghajjat lilu Plot 6 u cioe' lil Muscat wiegbet illi skont is-sors li ghandha ma jindikax li effettivament il-qbiela giet tghajjat lilu. Hija taf li dan id-dokument a fol 40 hareg fis-sena 1993 meta l-proprjeta' ghaddiet f'idejn il-Gvern u ghalhekk skont dan id-dokument fis-sena 1993 il-plot 6 kienet tghajjat lil Joseph Spiteri.

**Mario Bajada** rega' xehed fit-8 ta' Ottubru 2014 fejn ghamel referenza ghax-xhieda li huwa kien ta fl-4 ta' April 2013 u appuntu jekk Muscat l-attur huwiex registrat maghhom full time jew part time qal li dik l-informazzjoni m'ghandux fuqu. Huwa kkonferma li l-*entitlements* hargu biss fis-sena 2008 rigwardanti ghelieqi li gew mahduma fis-sena 2007 u dan in rigward l-ghelieqi fejn Michael Muscat ghamel applikazzjoni ghalihom. Saritlu referenza ghad-dokument mibghut lil Dr Peter Borg Costanzi fit-30 ta' Lulju 2012 mmarkat bhala Dokument CSH a fol 63, appuntu ghal dak li jrid ifisser bil-kliem pagament uniku entitlement u qal li dawn huma l-*entitlements* li hargu dwar ir-raba' li giet mahduma fis-sena 2007 u qal li l-pagament huwa uniku ghax huwa pagament ta' darba li tkun qed tahdem ir-raba'. Zoni zvantaggati hija mizura ohra li wkoll dahlet fil-programm rurali u kien jinghata lil kull bidwi li jahdem ir-raba' peress li Malta giet kunsidrata bhala zona zvantagjata. Huwa spjega li hemm disa' tipi ta' mizuri agro-ambjentali. AEM3 huwa low intensive fejn inti torbot ir-raba' tieghek ghal hames snin. Ix-xhud qal li huwa f'pozizzjoni li jesebixxi

applikazzjonijiet li kien ghamel Michael Muscat pero' m'humiex qeghdin fuqu dak il-hin. Ghalhekk huwa prometta li jaghmel dan fis-seduta li jmiss. Huwa prometta wkoll li jesebixxi kopja tal-pjanta relatata ma' din l-ghalqa.

**Mario Bajada** xehed in kontro-ezami fil-5 ta' Novembru 2014 fejn esebixxa zewg dokumenti li gew immarkati mill-Qorti bhala Dokument CSH 3 u Dokument CSH 4 li huma dwar ir-raba' li jahdem Michael Muscat. Huwa spjega li Dok. CSH 3 jirrigwarda profile number 4587 fil-konfront tal-parcel filwaqt illi Dok. CSH 4 jirrigwarda parcel 00060. Ix-xhud stqarr illi r-rendikont li jinsab esebit fl-atti a fol 33 huwa biss qies f'kas illi Michael Muscat kellu japplika. Dan kien gie mitlub mill-avukat tieghu. Mistoqsi jekk kienx hemm applikazzjonijiet qabel is-sena 2007 fuq dawn l-istess zewg bicciet raba' qal illi s-Sur Muscat kien applika fis-sena 2004, fis-sena 2005 u 2006 fuq il-parcel li huwa esebit fl-atti mmarkat bhala Dokument CSH 4. Fis-sena 2007 pero' ma kienx applika fuq din l-istess parcel u dan ghax kien iddikjara li kien ghamilhom mghalef qamh. Pero' fis-sena 2009 kien applika u kien jindika li effettivament kellu s-sigar hemmhekk, pero' f'parti zghira.

Fir-rigward tal-parcel l-ohra 00098 mmarkat bhala Dokument CSH 3 li kien applika fl-2006 u fl-2009 wkoll kien hemm xi ftit sigar fiha. Mistoqsi jekk kienx inghata entitlement qabel 2007 wiegeb illi le ma kienx u dan ghax l-entitlement hargu fis-sena 2007. Mistoqsi jekk kienx intitolat ghall-pagament uniku fuq il-parcels 00098 u 00060 wiegeb illi le ma kienx u dan ghax fl-2007 ma kienx applika fuqhom. Kieku kien applika fis-sena 2007 kien ikun intitolat ghal pagament uniku fuq dawn iz-zewg parcels pero' ma applikax. Filfatt kien ha pagament uniku fuq parcels ohra fejn kien ghamel applikazzjoni. Il-parcels li kienu rregistrati fuq il-beneficarji fis-sena 2007 kienet harget rata fuq din l-art in kwistjoni. Pero' min ma applikax fuq il-parcels tieghu din is-sena ma hadhiex. Mistoqsi kif wiehed ikun elegibbli biex jiehu grant rigwardanti zoni zvantaggati wiegeb illi l-programm ta' *rural development*, Malta hija kkonsidrata bhala kollha zona zvantaggata. Naturalment fil-kaz tar-raba' u

mizuri agro-ambjentali qal li hemm disa’ mizuri u jekk tqis li wiehed minnhom huwa applikabbli ghalih tkun tista’ tiehu l-beneficcju. F’dan il-kaz lanqas ma gie eligibbli ghal mizuri agro-ambjentali fuq Dok. CSH 3 u Dok. CSH 4 ghax ma applikax. Pero’ kieku applika kien ikun eligibbli u dan ghax ikun jista’ jahdem ir-raba’ bhala mghalef. Mir-records taghhom jirrizulta li dawn iz-zewg porzjonijiet Dok. CSH 3 u Dok. CSH 4 huma t-tnejn registrati f’isem Michael Muscat kif jirrizulta mid-dokumentazzjoni stess. Mistoqsi jekk l-isem Joseph Spiteri jiffeaturjax fir-rigward ta’ dawn l-ghelieqi wiegeb li le.

Meta bniedem jaghmel applikazzjoni m’ghandux ghalfejn jindika minn fejn ghandu access ghar-raba’. Meta bniedem ghandu raba’ baghli ma jfissirx li ma jistax jizra ghax effettivament ikun jista’ jizra’ maghlef. Raba’ baghli tfisser li m’hemmx ilma u naturalment tkun taghmel tajjeb ix-xita.

Ix-xhud kompla jixhed in ri-ezami fejn iddikjara li sabiex bniedem japplika maghhom irid bilfors ikun qed jahdem l-art. Jekk effettivament applika maghhom u ma kienx qed jahdimhom, ikun hemm il-konsegwenzi u cioe’ jigi kkundannat ihallas il-penali.

Rat illi fis-16 ta’ Ottubru 2014 il-konvenut pprezenta nota li permezz taghha pprezenta l-affidavit tieghu mmarkat Dok X u l-affidavit ta’ Jesmond J Borg mmarkat Dok Y.

Rat l-**affidavit tal-konvenut** li permezz tieghu ddikjara illi huwa ried jispjega r-raguna ghaliex ma ghandu jaghti xejn lil Michael Muscat fiz-zmien li damet sejra l-kawza ta’ spoll li Muscat ghamel kontra tieghu cioe’ mit-2007 sat-2012 u dan ghaliex kemm ghax l-attur ghadu jsostni sal-lum li ma kkommetta ebda spoll u kif ukoll ghaliex Michael Muscat ghandu access minn band’ohra minn fejn jghaddi ghar-raba’ tieghu u ghalhekk kieku ried setgha jghaddi minn dan l-access u mhux japprofitta ruhu kif qed jaghmel f’din il-kawza.

Iddikjara li dan ir-raba ilu ghandu mis-sena 1972/73, ir-raba huwa bi qbiela u r-raba kien ghand in-nannu Gian Patist Tabone, u minghandu gie ghand iz-zija Alberta Tabone u hu wiret il-qbiela minghand l-istess zija. Iz-zijiet Albert u Zeppa Tabone kienu jahdmu r-raba flimkien. Dawn illum mietu. Kien ihallas il-qbiela ghand tal-Karmnu l-Belt kif jidher mill- rcevuta annessa u mmarkata Dok DE1. Qal li mar-raba hemm razzett. Il-qbiela kienet l-ewwel tithallas il-kurja u mbaghad il-Joint Office. Hu ilu midhla ta' dan ir-raba mindu kienet ghand in-nannu. Meta kien imur hu qatt ma ra lil Michael Muscat f'dawk l-inhawi u aktar u aktar jghaddi mir-raba tan-nannu li llum huwa tieghu.

Mir-rekords li hu ghandu f'idejh u li huwa kuntern li kien jappartjeni liz-zija tieghu Alberta Tabone, ir-raba f'Tal-Lebbien kien ilu jigi mhallas minnha mill-24 ta' Awwissu 1959. L-ammont li kien jithallas huwa ta' hames liri u ghaxar xelini ghall-qbiela ta' sena ghall-ghalqa u lira ghall-qbiela tar-razzett ghall-perjodu ta' sena. Il-qbiela kienet tithallas b'lura. Pero' spjega li qabel dan iz-zmien, kemm l-ghalqa kif ukoll ir-razzett kienu f'idejn in-nannu tieghu Gan Patist Tabone. Din il-qbiela, kienet tithallas lil Gio Maria Galdes u Anthony Zammit sal-1963 u fl-istess sena, il-qbiela bdiet tithallas lil Dun Vincens Fenech. Nhar il-15 ta' Frar 1973, kemm l-ghalqa kif ukoll ir-razzett, gew imhallsa minnu wara li kienu nqalbu ghal fuq ismu mill-15 ta' Awwissu 1972. Ghamel zmien ihallas il-qbiela l-Kurja, pero' wara li l-artijiet ghaddew f'idejn il-Joint Office, beda jhallas il-qbiela hemmhekk sal-gurnata tal-lum (Dok. ED2 sa ED3).

Kompla jghid li minn mindu l-ghalqa u r-razzett inqalbu ghal fuq ismu, xorta wahda kienu ghadhom qed jintuzaw miz-zijiet tieghu Alberta u Zeppa Tabone flimkien mieghu. Filfatt, sa nofs is-snin 90, iz-zijiet kienu ghadhom imorru l-ghalqa. Meta waqfu jinzlu minhabba l-eta', huh Furtu talbu sabiex flimkien mieghu, ikun jista' jinzel sal-ghalqa u r-razzett u hu kien accetta. Hu lil Michael Muscat u lin-neputi Joseph qatt ma ghaddew mir-raba tieghu la bl-ingenji u lanqas bir-rigel. Dawn sekondu raguni u huh Furtu kien jaghmel

arrangamenti ma' Michael Muscat biex imur jahratlu r-raba. Dan kien isir mill-bidu tas-snin 90 u sas-sena 1994. Sab b'orhos u qabbad lil haddiehor. Spjega li sakemm kien jinzel hu, Michael Muscat qatt ma dahal fir-raba tieghu jew pretenda li ghandu jidhol fir-raba tieghu. Lanqas in-neputi tieghu. Hu qatt ma rahom jahdmu r-raba taghhom u dan ghax hu bil-hanut u qatt ma nzertahom. Problemi bejniethom ma kienx hemm, la fuq l-ghelieqi u lanqas fuq ir-razzett. Ir-razzett, dejjem kien ghall-uzu tieghu biss u ta' hadd aktar, u qatt ma ta' permess li xi hadd sabiex jidhol fih ghajr il-familjari personali tieghu. Filfatt, qatt ma jaf li xi hadd dahal gor-razzett apparti l-familjari tieghu li hu kien ta permess. L-ahhar persuni li uzaw ir-razzett kienu z-zijiet tieghu stess u kienu juzawh billi jrabbu l-annimali fil-kmamar li hemm fih. Minn mindu ma baqghux jinzlu huma, u dan kien l-ahhar tas-snin tmenin, il-kmamar tar-razzett kienu dejjem vojta u abbandunati u qatt ma jaf li xi hadd kellu xi haga gewwa fih, hlief ghall-affarijiet personali u tal-familjari tieghu. minn zmien ghal zmien, kien jaghmel xoghol ta' manutenzjoni li kien ikun urgenti u ghadu jaghmilhom sal-lum.

Rigward l-ghalqa, sostna li jaf li kien hemm xatba tal-injam u li kienet tkissret biz-zmien. Din ix-xatba kienet tinghalaq bil-firroll u kienu jidhlu minnha hu u l-familjari tieghu biss. Qatt ma jaf li xi hadd, apparti mill-familjari, kien jaghmel uzu minn din ix-xatba u spjega li qatt ma ra lil hadd jidhol jew johrog minnha. Min-naha tieghu, qatt ma ta permess lil hadd biex jidhol. Il-passagg dejjaq, u li kien tar-rigel, kienu jaghmluh huma stess sabiex ikunu jistghu jaccessaw l-ghalqa kollha. Sa fejn jaf hu hadd ma kien juzah hliefhom.

Il-konvenut kompla jghid li ghall-habta tas-sena 1996, jiftakar li kien gie avvicinat minn Joseph Debono, fejn dan kien qallu li hu kellu dritt ghar-razzett u dritt ghall-passagg. Hu kien qal lil Joseph sabiex jekk hu kellu x'juri dan li kien qed jghid, hu kien lest li jhallih jiehu dak li kien tieghu bi dritt. Kienu ftehmu wkoll li f'sens ta' rieda tajba, kellhom jaghmlu r-ricerki miz-zewg nahat u wara li jkollhom ir-rizultat f'idejhom, kellhom jaghtu dawn ir-ricerki lil

xulxin halli min kellu r-ragun, kien ser jiehdu. Ir-ricerka tieghu saret min-nutar Anthony Abela u r-rizultati ta' din ir-ricerka wrew li hu kien l-unika persuna li kellu titolu ta' din ir-raba u r-razzett, u li ma kien hemm l-ebda persuna ohra involuta konguntivament kemm fid-dritt u kif ukoll fl-uzu. Ir-ricerka rrizultat ukoll li mkien ma kien jidher li kien hemm xi passagg li huwa komuni ghall-bdiewa ohra u ghaldaqstant, hadd ma kellu dritt jaghmel uzu minn dan il-passagg hliefu (Dok. ED4 sa ED5).

Qal li l-ircevuti juru bic-car li l-qbiela dejjem thallset fuq ir-razzett u r-raba. Jiftakar ukoll li wara li kellu r-rizultati tar-ricerki f'idu, hu kellu kuntatt ma' Joseph u nfurmah b'dak kollu li kellu f'idu. Min-naha l-ohra, hu kien wiegbu li f'idejh ma kien ghad kellu xejn, u wieghdu li kif kien ser ikollu xi haga, kien ser jinfurmah biha, xi haga li qatt ma grat. Minn dak iz-zmien sal-lum, hu la kellu kuntatt ma' Joseph u lanqas ma' Michael.

Il-konvenut tenna fl-affidavit tieghu li bhala parti mill-manutenzjoni kemm tar-razzett kif ukoll tac-cnut tas-sejjieh, kien il-hin kollu jtella' l-gebel li minn zmien ghal zmien jaqa' minn fuq il-hitan, kemm b'mod naturali kif ukoll dak li jwaqqghu l-kaccaturi. Prova ta' hekk kien ikun il-marki taz-zraben bil-hamrija li kien isib fuq ic-cnut. Mis-sena 2006, kien jinzel l-ghalqa mieghu r-ragel tat-tifla ta' ohtu li jismu Jesmond Borg. Mieghu kien jirranga diversi hsarat li kienu jsiru u sabiex jipprevenu xi accessi ghal gewwa l-ghalqa jew ir-razzett, dejjem minhabba li hu ma kienx ta kunsens lil hadd u minhabba li kien qed jinnota diversi hsarat, iddecidew li jergghu jirristoraw ir-razzett u l-ghalqa ghall-istat originali taghhom, billi jergghu jaghmlu x-xatba kif kienet u jirrangaw il-bieb tal-entratura tar-razzett. Filfatt, fl-ahhar ta' Frar 2007, il-bieb tal-entratura ghar-razzett kien lest u minn dakinhar stess sarlu l-katnazz u nghalaq.

Fil-festa ta' San Guzepp f'Marzu 2007, kamra minn gewwa r-razzett sarilha bieb tal-hadid. Ghall-hatba ta' Mejju, waqt li hu kien qieghed jirranga c-cint li hemm immedjatament kif jidhol fl-ghalqa, sab lil Joseph hdejh bis-senter f'idu.

Dak il-hin, kien qallu li hu kellu dritt li jidhol minn hemm pero', hu, bhal ma kien qallu snin qabel, rega' qallu li jekk hu kellu x'juri li kellu xi dritt, hu kien ser jiehdu pero' jekk ma kellu xejn x'juri, hu ma kienx ser jithalla jidhol fl-ghalqa. Filfatt, dak il-hin stess, hu qallu sabiex johrog minn hwejgu, kif filfatt ghamel.

Fil-bidu ta' Gunju, kienet twahhlet ix-xatba ta' barra. Sa dak iz-zmien, ma kien hemm ebda problema ohra bejnu u bejn Michael jew Joseph u qatt ma oggezzjonaw b'xi mod ghax-xoghol li kien qieghed isir. Kien f'nofs Gunju li nnotaw li parti wahda mix-xatba kienet iddendlet b'xi mod u sabiex ma ssirlux aktar hsara, qalghu din ix-xatba minn postha sabiex jigi ssodat il-pilastru li maghha kienet qieghda zzomm. Sadanittant, kien innota wkoll li kien hemm hajt maqlub fin-naha t'isfel tal-ghalqa bejn l-ghalqa tieghu u ta' Michael. Hu qabad l-istess gebel li kien imwaqqa' u beda jirranga l-hajt pero' jiem wara rega' nnota l-istess hajt imwaqqa' bil-gebel kollu jaghti ghall-ghalqa fin-naha ta' Michael. Kien innota wkoll li xi gebel kellhom ukoll marki tat-tyres. B'hekk isusspetta li kien Michael stess jew xi hadd imqabbad minnu li kien qieghed iwaqqa' l-hajt tas-sejjieh. Kienet gurnata minn dawn li kien cempel lis-surgent tal-pulizija u kien qallu li kien sar rapport minn Joseph minhabba li hu kien qed izommu milli jidhol fir-raba tieghu. Kien qal ukoll li hu kien ghalaq ix-xatba permezz ta' katnazz; pero' jiftakar sew li x-xatba, fl-ebda hin ma nghalqet b'xi katnazz. Lis-Surgent, kien qallu wkoll bir-ricerki li kien ghamel u li hu kien lest li jhalli lil Michael jew lil Joseph jidhol, dejjem jekk hu kellu x'jurih li hu kellu dritt jghaddi minn hemm.

Dakinhar kienet l-ewwel darba li Michael Muscat u n-neputi bdew jippretendu li jghaddu mir-raba tieghu. Dak il-hin stess, hu kien ghamel rapport mas-surgent fejn infurmah li kienet saret hsara fil-koxxa tax-xatba, kif ukoll, li kien twaqqa' l-hajt tas-sejjieh li kien jifred l-ghalqa tieghu minn ta' Michael. Meta s-surgent mar fuq il-post, ikkonferma li l-hajt tas-sejjieh kien maqlub fuq in-naha tal-ghalqa ta' Michael u quddiem is-surgent stess, Joseph kien ikkonferma li

kien lest li jerga' jtella' l-hajt tas-sejjieh lura ghall-istat originali tieghu. Minhabba l-fatt li kellu konferma li l-hsara kienet saret min-naha taghhom, u sabiex izomm il-paci bejniethom, hu anke mar offra lil Joseph li l-hajt kien ser itellghu hu pero' bil-kundizzjoni, li ghall-ebda raguni, jekk ma kienx ser igib xi dokumenti li juru li hu ghandu dritt li jidhol minn gol-ghalqa tieghu, hu ma kienx ser jithalla jidhol minn hemm. Anki s-surgent kien tah din it-twissija. Min-naha l-ohra, hu kien hafer lil Joseph milli jittiehdu proceduri kriminali kontrihom talli kienu ghamlu l-hsara fuq il-hajt tas-sejjieh li huwa protett bil-ligi. Hu kiteb lil Joseph Sciriha tal-Joint Office u rrispondih li d-Dipartiment ma ghandu ebda records fuq xi passagg komuni fuq r-raba tieghi. (Dok ED 6 kopja tal-mail li rcieva).

Michael Muscat ghandu r-raba tieghu l'isfel minnu u hajt minnhom imiss mar-raba tieghu. Huwa ghandu access min-naha l-ohra tar-raba kif jidher mill-annessi pjanti
Dok ED 7 - pjanta turi r-raba tieghu bl-ahmar u r-raba ta' Muscat bl-ahdar u l-passagg li ghandu hu mmarkat bil-blu li juri kif jghaddi ghal go tieghu mit-triq;
Dok ED 7a - turi bic-car l-fetha fit-triq li l-attur ghandu l-access ghar-raba tieghu mmarkat bil-blu.
Dok ED 8 sa ED 10 - tlett ritratti li juri l-passagg li dejjem kellu Muscat mit-triq (ED 8) ghar-raba ta' terzi (ED 9) u ghar-raba tieghu (ED 10).
Dok ED 11 - ritratt li hu ha ta' Google Earth li juri dan li spjega u cioe' li jidhol mit-triq immarkata A u jasal sa B ghar-raba tieghu.

Minn dakinhar il-quddiem, ircieva l-karta minghad l-avukat tieghu u bejniethom bdew il-kawzi fil-Qorti. Filfatt, fil-Qorti stess, kemm waqt il-kawza 'Michael Muscat vs Dalli Emanuel', li kienet instemghet quddiem l-Imhallef Joseph Zammit Mckeon. kif ukoll f'din il-kawza stess, Vince Gilson, fil-kapacita' tieghu bhala Direttur tal-Ufficcju Kongunt, xehed u kkonferma ghal diversi drabi, li fir-rekords li ghandhom, imkien ma hemm imnizzel li hemm xi passagg jew inkella xi dritt jew titolu ta' passagg lil terzi persuni minn gewwa l-ghalqa

tieghu u li din ghadha hekk sal-lum (Dok ED 12 u ED 13 xhieda ta’ Vincent Gilson)

Ikkonferma li tant kemm verament hemm access iehor minn fejn jaccessaw l-ghelieqi taghhom u li huma juzaw dan l-acess, li ghall-habta ta’ Novembru 2008, hu kien qieghed l-ghalqa tieghu jaqta’ l-lewz u f’daqqa wahda, wasal fl-ghalqa ta’ Michael missier Joseph li jidher fir-ritratt ED 14 u li dakinhar zgur li ma ghaddiex mir-raba tieghu. Dan juri bic-car li Michael Muscat ghandu access iehor ghar-raba tieghu. Biex ikompli jsostni dan, il-konvenut mar id-Dipartiment tal-Agrikoltura Ta’ Qali sabiex, jikkonferma liema huma l-ghelieqi ta’ Michael Muscat u ghandux access ghar-raba tieghu u tawh pjanti li juru li ghandu access iehor.

Min-naha l-ohra, hu mar ukoll il-MEPA sabiex jitlob taghrif dwar l-istess affarijiet u minn hawnhekk, inghata ‘aerial photos’ ta’ snin diversi fejn anki hawn, jidher indikat il-passaggi li qieghed isemmi u li jkomplu jikkonfermaw li Michael Muscat minn dejjem kellu access ghall-ghelieqi tieghu min-naha t’isfel minn fejn il-post jghidulu ‘Tal-Hofra’ u hu mmarka b’cirku blu minn fejn ghandu l-access Muscat (Dok ED 15 u ED 16).

Kien ukoll mar ir-Registru tal-Artijiet fejn inghata pjanti li juru l-qasma passaggi li hemm bejn ghalqa u ohra, u li jkomplu jikkonfermaw l-access li hemm minn fejn Michael Muscat jaccessa r-raba tieghu (Dok ED 17).

Aktar minnhekk, hu mar ukoll fuq il-post u gab diversi ritratti fejn anke dawn, jikkonfermaw li dak li qalu kemm Michael Muscat kif ukoll neputih Joseph, li huma kienu jaccessaw l-ghelieqi taghhom minn gewwa l-ghalqa tieghu biss, m’huwiex minnu. Anke mill-ahhar xhieda li ta Joseph stess, huwa kkonferma li ma kinitx l-ewwel darba li ghadda min-naha t’isfel tal-ghelieqi u mhux minn gol-ghalqa tieghu (Dok ED 8 s ED 10).

Dwar ix-xhieda ta’ Michael Muscat, il-konvenut stqarr is-segwenti:

Rigward paragrafu 3i huwa kien jghaddi min gewwa l-moghdija li hemm fir-raba tieghu, l-ewwel bil-bhejjem imbaghad bil-vann. Dan kollu mhux minnu ghaliex fl-ebda hin huwa ma kien suppost jghaddi minn hemm. Permess biex jghaddi qatt ma kellu u hu lanqas qatt ma tah.

Rigward paragrafu 4, Muscat qal li kien hemm bieb wiesgha bejn tmien piedi u nofs u disgha piedi u meta dahal hu fl-20 ta’ Gunju 2007, sabu mblokkat bil-gebel imwaqqgha bil-hajt tas-sejjieh. Dan huwa kollu gideb ghaliex l-ewwel nett, qatt ma kien hemm fetha ta’ disgha piedi. Kif qal huwa stess, kien hemm gebel tal-hajt tas-sejjieh imwaqqgha u parti minn dan il-gebel, kien jinsab fl-ghalqa tieghu peress li hu mbuttah bi trakk jew tractor ghan-naha tieghu. Prova ta’ dan kienu l-marki tat-tyres li kien hemm fuq il-gebel meta huwa ghadda minn fuqu peress li kien baxx. Dan huwa mnizzel ukoll fir-rapport tal-Pulizija li kien sar meta l-attur kien ghamel rapport l-Ghassa taz-Zejtun, f’Gunju 2007. Meta kienu gew il-Pulizija u hu kien gibdilhom l-attenzjoni li dan il-hajt huwa protett bil-ligi, huwa kien ammetta mal-Pulizija li kien anki lest sabiex jerga’ jtellghu kif kien. Mela allura, il-fetha saret disgha piedi biss wara li twaqqa’ l-hajt minn Michael Muscat stess jew xi hadd imqabbad minnu (Dok ED 11).

Rigward paragrafu 5, Muscat qal li ftit taz-zmien wara, hu kien bena l-hajt tal-kantun u ghalaq il-fetha gahl madwar zewg piedi u nofs u b’hekk ma setghax jibqa’ diehel. Skond il-konvenut fl-affidavit tieghu, dan ukoll mhux minnu ghaliex meta huwa tella’ l-hajt tal-kantun, tellghu bil-kantun minhabba l-fatt li meta l-attur ghadda bit-tractor imbotta l-hajt tas-sejjieh u kien hemm hafna mill-gebel tas-sejjieh fl-ghalqa tieghu u sabiex ma jkunx hemm problemi, hu ma dahalx fl-ghalqa tieghu sabiex jigbru lura u minflok dak il-gebel, uza l-gebel tal-kantun. Min-naha l-ohra, huwa rega’ ghalaq il-fetha ghal-istat originali li kienet qabel ma twaqqa’ l-hajt.

Il-konvenut qal li mhux minnu li Muscat kompla jahrat l-ghalqa bil-passagg b'kollox u b'hekk ma setghax ikompli jidhol minnu. L-ghalqa minn dejjem inhartet kollha min-naha ghall-ohra u l-passagg fir-raba kien jifforma ruhu wahdu meta hu kien jghaddi jaccedi ghas-sigar tal-frott li ghandu mdawwrin mal-ghalqa kollha.

Rigward paragrafu 8 Muscat qal li minn dakinhar il-quddiem, ma setghax ikompli jahdem l-ghalqa minhabba li ma setghax idahhal il-vann tieghu. Dan ukoll mhux minnu ghaliex il-vann ta' Michael qatt ma dahal min-naha tal-ghalqa tieghu. Prova ta' dan kien meta hu ghamel sena ma harathiex, u cioe' fis-sena 2006, u tant kien tela' haxix gholi, min-naha ghall-ohra tal-ghalqa, li lanqas hu stess ma seta' jidhol fiha, sakemm inqata' l-haxix kollu u nghata lill-baqar. La sinjali tat-tractor ma kien hemm u lanqas tal-pass. Qal li l-attur hadimx l-ghalqa li tmiss ma tieghu, ghax ried hu ghaliex kieku ried jahdimha, seta' facilment jghaddi min-naha l-ohra tal-ghalqa tieghu stess. Filfatt dakinhar stess li l-Imhallef Zammit Mckeon ghamel access fuq il-post, il-fetha li huwa ghandu min-naha l-ohra tal-ghalqa, fil-genb, kienet miftuha.

Il-konvenut spjega, u dan b'diversi ritratti u mapep u pjanti li hu pprezenta, li l-attur halla l-ghalqa tieghu mitluqa ghax ried hu minhabba l-fatt li kieku ried jaccessa l-ghalqa tieghu, seta' facilment kompla jaccedi ghall-ghalqa tieghu min-naha t'isfel tal-ghalqa, kif filfatt kien jaghmel qabel. Prova ta' dan huma r-ritratti li hu stess ha mill-ghalqa tieghu meta hu kien qieghed hemm u dahal missier Joseph fl-ghalqa li hemm tmiss ma' tieghu u li hu zgur huwa li missier Joseph ma dahalx min-naha tal-ghalqa tieghu imma min-naha t'isfel tal-ghalqa, minn fejn filfatt kienu jghaddu minn ghalqa ghall-ohra li ghandhom fuq in-naha t'isfel.

Il-konvenut rrefera ghal dak li qal l-attur u cioe' li ftit taz-zmien wara s-sentenza, il-konvenut rega' fetah il-bieb u gabu ghall-wisa' li kien qabel, u cioe' ta' disa' piedi. Il-konvenut dwar dan spjega li huwa fetah il-fetha ghal disa'

piedi minhabba li gie mgieghel mill-Imhallef u sabiex ikun konformi mas-sentenza u mhux ghax il-fetha kienet hekk minn qabel. Hu kien f'diskussjonijiet mal-avukati tieghu sabiex jikkontestaw din is-sentenza u jifthu kawza sabiex juru li Michael Muscat ma ghandux dritt li jghaddi mill-ghalqa tieghu, kif fil-fatt xehed f'din il-kawza stess l-Ufficjal inkarigat mill-Ufficcju Kongunt u jaghmel hekk wara li tinqata' din il-kawza.

Rigward Paragrafu 11, Muscat qal li kien mar ghand l-avukat tieghu minhabba s-sigra li kienet qed timblokka l-fetha tieghu. Jiftakar li kien kellmu l-avukat u qallu li sabiex ikun konformi mas-sentenza, ikun ahjar li jizborha u hu hekk ghamel.

Il-konvenut qal li Michael Muscat tilef hames snin ta' bejgh u sussisdju fuq l-ghalqa ghaliex ma hadimx l-ghalqa ghax ried hu, jew inkella bhala skuza, minhabba l-fatt li illi kieku ried jaccessa din l-istess ghalqa, kif kien jaghmel b'mod regolari u kif ghamel missier Joseph stess kif jixhdu r-ritratti li hu kien hadlu gewwa din l-istess ghalqa, kien jaccessa l-ghalqa min-naha t'isfel ta' din l-istess ghalqa, u li taghti ghall-ghelieqi l-ohra li huwa ghandu.

Rat l-**affidavit ta' Jesmond J. Borg** li permezz tieghu ddikjara li ghall-habta ta' Ottubru / Novembru 2006 hu, flimkien mal-mara tieghu u t-tfal, mar l-ghalqa ta' Manuel Dalli li hemm f'Tal-Lebbien fil-Gudja sabiex jaqta' ftit zebbug. Minn hemm il-quddiem, kien ftiehem ma' Manuel Dalli biex ihallih juza bicca mill-ghalqa sabiex jizra xi ftit hxejjex. Ghalhekk ix-xhud kien beda jinzel l-ghalqa spiss u l-ewwel ma ghamel kien li beda jara kif ser jiehu hsieb il-kmamar tar-razzett minhabba li kienu jidhru mitluqa. Jiftakar li kien naddaf zewg kmamar mit-tiben li kien fihom u bdew juzawhom sabiex jitfghu l-affarijiet personali taghhom, minhabba li f'xi kmamar, kien hemm affarijiet personali tal-konvenut stess. Il-konvenut hafna drabi kien jinzel maghhom u kull darba kienu jaraw fejn jistghu jirrangaw xi haga.

Kien lejn l-ahhar ta' Frar 2007 li wahhlu bieb tal-injam fid-dahla tar-razzett sabiex ikunu jistghu jhallu l-affarijiet personali taghhom hemm minghajr problemi. Dan l-istess bieb sarlu katnazz u minn kif tlesta, beda jinqafel mill-ewwel. Ezattament wara, bdew jahdmu bieb tal-hadid sabiex ikunu jistghu jaghlqu l-access ghall-kamra li kien naddaf. Peress li ma kienx hemm xatba u peress li mhux l-ewwel darba li nnutaw li kien hemm xi hadd li kien qieghed jisraq il-lumi minn gewwa s-sigra li hemm fir-rokna tal-ghalqa, kif ukoll minhabba hsarat fil-hitan tas-sejjieh, li jidher li kien qieghed isir minn xi kaccaturi, iddecidew li jaghmlu xatba fuq barra, sabiex jevitaw milli jkun hemm access ghall-ghalqa minn terzi persuni, ghalkemm spjega li kull meta kien hemm hu, qatt ma ra lil hadd jidhol jew johrog mill-entratura tal-ghalqa.

Wara ftit li kienu wahhlu x-xatba, indunaw li l-bieba tan-naha tax-xellug int u diehel, kienet imdendla u sabiex jevitaw li ssirilha aktar hsara, iddecidew li jaqilghuha sabiex jissodaw il-pilastru li kienet imwahhla mieghu. Filfatt, kienu wahhlu travu mal-art u din l-istess bieba, kienu wahhluha mat-travu minflok mal-hajt tas-sejjieh minhabba li dan kien sar debboli. Fl-istess perjodu, Manuel kien qallu li parti mill-hajt tas-sejjieh li kien imiss mal-ghalqa tan-naha t'isfel, kien twaqqa' u kellu jerga' jtellghu mill-gdid ghall-istat originali li kien qabel, bl-istess gebel.

Jiftakar li f'Gunju 2007, kien cempillu il-konvenut u kien qallu li kien cempillu surgent miz-Zejtun u talbu sabiex imur l-Ghassa minhabba li Joseph kien ghamel rapport kontrih talli kien ghalaqlu l-access ghall-ghalqa tieghu. Jaf ukoll li Manuel kien ghamel rapport mal-istess surgent li kien qieghed isib il-hitan tas-sejjieh imwaqqa'. Jiftakar li hu kien kellem lis-surgent fejn infurmah li t-twaqqiegh tal-hitan tas-sejjieh kien illegali u jekk jirrizulta li Michael kien qieghed iwaqqa' l-hitan tas-sejjieh, kellhom jittiehdu proceduri kriminali kontra tieghu. Jiftakar ukoll lis-surgent jghidlu li Joseph kien lest li jerga' jtella' l-hajt tas-sejjieh u jhallih fl-istat originali li kien, pero' Manuel kien ftiehem mieghu li l-hajt kellu jtellghu hu basta jhallih bi kwietu. Minhabba f'hekk, il-konvenut

kien iddecieda li ma jiehux passi kontra Joseph jew Michael talli twaqqa' l-hajt tas-sejjieh u hu kien cempel lis-surgent u nfurmah b'dan.

Ftit granet wara, waqt li hu u l-familja tieghu u Manuel kienu qeghdin l-ghalqa, mar ragel bir-rota fl-ghalqa u Manuel kien identifikah bhala Jimmy. Jaf li Manuel kien mar ma' Jimmy bil-mixi fl-ghelieqi ta' Jimmy u kif gew lura, Manuel kien qallu li Jimmy kien talbu permess sabiex jaccessa l-ghelieqi tieghu mill-ghalqa ta' Manuel u qallu li hu kien accetta bil-kundizzjoni li jekk Manuel kellu jaghmel katnazz max-xatba, Jimmy kellu jigbor ic-cavetta minghand kuginuh Joe li ghandu garaxx fil-Gudja u mmedjatament kif ilesti, kellu jerga' jhalli c-cavetta ma' Joe. Jiftakar ukoll li kien qallu li Jimmy kien urih access iehor ghall-ghelieqi tieghu pero' minhabba li sid l-ghalqa l-ohra kien naqra qanzha, kien jippreferi li kieku kien jghaddi minn fuq l-ghalqa ta' Manuel halli jevita l-problemi.

Rigward il-passagg, spjega li dan mhux l-ewwel darba li nharat pero' ftit ftit, kien jerga' jifforma peress li kienu jimxu mal-hitan sabiex imorru min-naha ghall-ohra tal-ghalqa. Kull meta kien fl-ghalqa hu, qatt ma ra lil hadd juza dan il-passagg, ghalkemm ma kinitx l-ewwel darba li ra lil bdiewa tal-ghelieqi ta' hdejhom fl-ghelieqi rispettivi taghhom. Minn fejn kienu jidhlu, ma jafx pero' zgur li ma kinux juzaw il-passagg tal-ghalqa Manuel Dalli. Mhux darba jew tnejn li huma jitilqu qabel ma kien jitlaq hu, pero' minn fejn kienu jghaddu, ma jafx.

Jiftakar ukoll li kien mar l-Lands Department fejn kien ghamel ricerka dwar min kellu access ghall-ghalqa u jekk kienx hemm xi bdiewa li kellhom xi dritt ta' passagg. Minn informazzjoni li tawh, qalulu li fid-dokumenti li ghandhom huma, liema dokumenti kienu ghaddew minghand il-Joint Office, imkien ma kien jidher li kien hemm xi passagg li kien komuni. Aktar minn hekk, ikkonfermawlu wkoll li r-razzett in kwistjoni, kellu titolu fuqu Manuel Dalli biss. Sabiex jikkonfermaw dan, kien inghata zewg pjanti tal-post (Dok JJB1).

Wahad minnhom hija l-pjanta tal-Lands Department fejn immarkawlu l-area li ghandu t-titolu taghha l-konvenut inkluz ir-razzett u l-ohra hija kopja antika li giet moghtija lilhom mill-Joint Office.

Rigward l-ghalqa ta' l-attur, x-xhud qal li minnmeta beda jinzel hu, minn dejjem kien hemm parti mhux hazin mill-ghalqa li kienet tintuza bhala mansab u filfatt, kien hemm ix-xbiek mal-art sabiex Michael jew min ikun qieghed gewwa l-ghalqa, kien ikun jista' jonsob. Lil Michael, mhux l-ewwel darba li rah gewwa l-ghalqa tieghu pero' meta kien jidhol fiha, kien jghaddi min-naha t'isfel u mhux mill-ghalqa tal-konvenut. Filfatt, meta kien jittawwal lejn in-naha t'isfel tal-ghelieqi, kien jara l-karozzi ta' Muscat u anki ta' Joseph ipparkjati fl-ghelieqi li ghandhom fuq in-naha t'isfel u kienu jaccessaw l-ghalqa li hemm tmiss ma' Dalli mill-passaggi tan-naha t'isfel (Dok JJB 2 min-naha ta' marka B).

Qal li minn meta mar l-ewwel darba gewwa l-ghalqa ta' Dalli, f'Ottubru 2006, ma kien hemm ebda passaggi minn fejn wiehed seta' jghaddi minhabba l-fatt li minn hajt sa iehor tal-ghalqa, kien hemm lellux twil m'ghola hames piedi u lanqas hu stess ma seta' jidhol. Jiftakar li kien kellem lil wiehed li ghandu razzett tal-baqar u kien mar hu bil-makkinarju tieghu sabiex jaqta' l-lellux u hadu sabiex jitimghu lill-baqar. Kien hemmhekk li sar passagg zghir bir-rigel minhabba li sabiex jaccessa n-naha l-ohra tal-ghalqa, kien ikollu jghaddi minn dan il-passagg li fforma bil-mod il-mod. Kemm Joseph kif ukoll Michael rawh diversi drabi gewwa l-ghalqa u qatt ma qalulu xejn, la biex jghaddu u lanqas sabiex inehhi l-karozza tieghu li kienet tkun ipparkjata fid-dahla tal-ghalqa tal-konvenut u kienet timblokka totalment l-entratura tal-ghalqa. Lanqas qatt ma gibdulu l-attenzjoni li huma kien b'mod jghaddu minn hemm, la bir-rigel wisq anqas bil-vetturi. Huwa jahseb, kieku verament kienu jghaddu minn hemm, ma kinux sejrin jiddejqu jistaqsuh sabiex inehhi l-karozza halli jkunu jistghu jghaddu, Aktar minnhekk, qal li kemm-il darba kien hemm hu, ghalkemm kienu

jkunu waslu warajh fl-ghalqa, kienu jkunu fl-ghalqa taghhom minghajr ma kienu jghaddu minn fuqu ghax ikunu dahlu min-naha t'isfel.

Jesmond J Borg spjega wkoll li minn meta beda jinzel l-ghalqa hu, qatt ma ra l-ghalqa ta' Muscat li hemm tmiss ma' ta' Dalli mizrugha. Il-mansab minn dejjem jaf li kien hemm u meta kien ikun hemm Michael gewwa l-ghalqa, qatt ma rah jahdimha. Rigward ix-xatba li saret fuq barra tal-ghalqa, din kienet saret sabiex tibdel dik li kien hemm xi zmien qabel, u li kienet inkisret biz-zmien. Ghalkemm saret ix-xatba, din qatt ma ssakkret u kienet tinghalaq biss, b'bicca firdiferruwa li kienet titlibbes minn fuq. Ghalkemm kienet tkun maghluqa, qatt ma kienet tkun imsakkra u min ried jaccessa l-ghalqa, seta' jaghmel dan facilment billi jgholli l-firdiferru. Filfatt, din ghadha hekk.

**Joseph Debono** xehed fil-5 ta' Novembru 2014 fejn esebixxa hames returns mis-sena 2003 sas-sena 2007 ta' Michael Muscat. Dawn gew immarkati mill-Qorti bhala Dokument JD 1 sa JD 5 rispettivament. Dawn isiru minnu u din l-informazzjoni johodha mill-ircevuti li jigbor huwa in konnessjoni max-xiri li jaghmlu in konnessjoni ma' dawn l-ghelieqi. Il-fetha dejjem kienet bejn disa' piedi u nofs u ghaxar piedi bhala fetha u kienu jidhlu bil-karozza. Huwa ghandu hamsin sena u ilu midhla ta' hemmhekk minn mindu kellu erba' snin. Sahansitra x-xhud kien jidhol anki man-nannu ta' Emanuel Dalli. Mistoqsi jekk hux minnu li Michael Muscat ghandu raba' ohra apparti din in kwistjoni qal illi iva ghandu u jaf illi ghar-raba' l-ohra ghandu dhul iehor. Huwa spjega li effettivament ma tistax tghaddi minn dan id-dhul ghal din ir-raba' ghax ikun hemm il-wicc mizrugh ta' terzi.

Rat in-nota tal-attur ipprezentata nhar it-18 ta' Frar 2015 (fol. 286) li permezz taghha pprezenta tlett dokumenti li gew mmarkati bhala Dok Z1, Dok Z2 u Dok Z3 rapprezentanti kopji tal-formola tat-taxxa tieghu ghas-snin 2007, 2008, 2011 kif ipprometta li jaghmel fix-xhieda tieghu.

**Joseph Debono** xehed in kontro-ezami fil-15 ta' April 2015 fejn ikkonferma li jkun hu stess li jimla' l-formoli tal-attur. Esebixxa dokument fl-atti a fol 272 u cioe' d-dhul ghas-sena 2005 u kkonferma li dakinhar kien hemm qliegh ta' elfejn, tlett mija u tmienja u tletin lira Maltin (Lm2,338). Rigward id-dokument ezebit fl-atti a fol 281 rigwardanti d-dhul ghas-sena elfejn u sitta (2006) huwa minnu li d-dhul naqas ghal 131.50. Ix-xhud stqarr illi z-ziju effettivament ghandu madwar sittin tomna raba. Ix-xhud tenna illi dawn il-figuri ma jikkoncernawx l-ghelieqi mertu tal-kawza u skont it-temp ta' dik is-sena, il-gwadann taz-ziju tieghu ghamlu minn hemm. Dan ghaliex ghandek erba' xhur titfaghhom u ma tafx x'se tiehu minnhom. Ir-*returns* li huma ezebew ma jirriflettux l-ghelieqi mertu tal-kawza izda l-ghelieqi kollha tieghu. Pero' fiz-zmien meta ma setghux jidhlu fir-raba dawk iz-zminijiet huma zgur maqtuha. Ix-xhud stqarr li filfatt dawn huma r-*returns* annwali u jkopru wkoll il-prodott mill-ghelieqi mertu tal-kawza. Pero' mhux dawk biss, zijuh l-aktar li kien jesporta kien il-patata u l-prodott tal-patata tizirghu u ma tafx fejn tkun u ghalhekk ikun hemm il-*variables* minn sena ghal sena. Huwa spjega li l-prodott tal-patata z-ziju jizraha f'hafna mill-ghelieqi tieghu. Filfatt ir-raba trid taghmel in-nejba u trid tqalleb minn sena ghal sena l-prodott.

Ikkonferma li fis-sena elfejn u sebgha (2007) kien hemm zieda kif jidher mid-dokument a fol 290 ghaliex l-ammont kien elfejn, disa' mija u tlieta u erbghin ewro (€2,943). Meta x-xhud gie mistoqsi ghaliex kien hemm zieda, wiegeb li kollox jiddependi mit-temp. B'referenza ghas-sena ta' wara elfejn u tmienja (2008) a fol 294 huwa minnu li l-qliegh sploda ghal sitt elef, mija u seba' ewro u wiehed u tmenin centezmu (€6,107.81) u qal illi wisq probabbli dik is-sena kienet sena tajba tal-patata ghaliex l-ammont kien gie minn hemm. Ix-xhud kompla billi qal illi kien hemm bdil fil-*currency* ghaliex dik is-sena bdew bl-ewros. Ix-xhud tenna li kien hemm spejjez tal-ingenji li kienet hsarat fl-ingenji kif ukoll ghad-*diesel*, u filfatt dan huwa kollu ddokumentat ghaliex huwa jigbor ir-ricevuti u jzommhom go *file*, jaghmel *updates* taghhom u jnaqqashom mill-ispejjez.

Ix-xhud kompla billi qal li fis-sena elfejn u disgha (2009) z-ziju tieghu ghalaq il-wiehed u sittin (61) u ghalhekk gie *part-time,* kif jidher mid-dokument a fol 133, ma baqax *full time farmer*. Ix-xhud qal illi dakinhar jaf li m'hemmx indikat il-patata ghaliex kien naqqasha. Ma zerghax ghall-esportazzjoni kif kien jaghmel fis-snin ta' qabel. Li kien ghamel biss kwistjoni ta' cucati zghar, u l-istess japplika ghas-sena elfejn u ghaxra (2010). Kienu zraw xi haga zghira bejniethom u ma jkunx hemm qliegh u ghalhekk ma jnizzluhx. Meta x-xhud gie mistoqsi fejn qieghed il-*water meter* u ghalhekk il-hlas li sar a fol 126 qal illi dan il-*water meter* huwa nstallat fir-razzett fejn izomm l-affarijiet. L-ammont dovut kien lill-MRA. Id-dhul li ghandu mill-garr tal-ilma huwa l-istess *bore hole* u qal li l-Kunsill Lokali kellhom bzonn xi ilma u kien xarrbilhom xi toroq. Il-*bore hole* pero' lanqas ma hija fir-raba mertu tal-kawza odjerna. Ix-xhud saritlu referenza ghal dokument ezebit fl-atti a fol 300 cioe' ghad-dhul fl-elfejn u hdax (2011), fejn ikkonferma li dik is-sena kienu bieghu l-qamh minn tlieta u tletin (33) tomna u qal illi fis-sena elfejn u hdax (2011) kienu ghadhom ma jidhlux fir-raba in kwistjoni u ghalhekk dik il-qamh ma giex zgur mill-ghelieqi mertu tal-kawza. Dik is-sena ma zerghax patata fl-ghelieqi in kwistjoni.

Fis-sena elfejn u hdax (2011) ma zerghu l-ebda patata mkien. L-ispejjez li juzawhom in konnessjoni mal-ingenji huwa naturalment relatat max-xoghol tar-raba li jaghmlu pero' access ghal dan ir-raba' m'ghandomx minn proprjeta' ohra. L-unika access huwa minn hemm u cioe' ma tistax toqghod tidhol minn fuq haddiehor. L-access tieghu kien hemm minn dejjem. Ix-xhud stqarr li ma jaqbilx ma dak li qalu tal-Joint Office li m'ghandux access, dritt ta' passagg ghax hu minn dejjem minn hemm ghadda, u llum ghandu hamsin sena. Ix-xhud kompla billi qal li m'huwiex minnu dak li qed jigi suggerit lilu li ghandu access minn band'ohra. Pawlu Zammit ghandu raba iehor illi m'ilix ghandu din ir-raba' u x-xhud qatt m'ghadda minn fuqu.

**Joseph Debono** rega' xehed in kontro-ezami nhar l-20 ta' Ottubru, 2015 fejn iddikjara li m'ghandu l-ebda triq jew access ghall-ewwel ghalqa li ghaddew minnha waqt l-access li sar. Stqarr li r-razzett fejn jghix Michael Muscat ilu f'idejh mil-1957 flimkien mal-ghalqa ta' maghha u dawn qeghdin ghandu b'titolu ta' kirja, liema kirja tithallas lil terz li m'ghandux x'jaqsam mal-kawza u cioe' mhux il-Joint Office. Pero' qal li l-ghalqa li hemm ma' dan ir-razzett tmiss ukoll m'ghalqa mertu tal-kawza odjerna, u ghal din lanqas m'ghandu dritt ta' passagg. Esebixxa ritratt (Dok. MS1) li jindika li fil-fatt il-hajt ta' bejn iz-zewg eghlieqi minn dejjem hemm kien. Rigward ir-ritratti li kienu ezebiti waqt l-access, qal li f'Gunju l-haxix ma jkunx ahdar ghax ikun niexef. Kompla li meta wasal iz-zmien biex jaqla' l-patata, tant kienet ghamlet xita w kien hemm tajn li ma setax jidhol mill-access proprju, w peress li kellu ghalqa ohra mill-istess access, fejn kien zera' l-qamh, dehrlu li kellu jwaqqa' l-hajt u jidhol minn hemm biex ma jitlifx il-patata. Qal li l-hajt ma damx imwaqqa' aktar minn xahrejn u nofs u kien hu stess li rega' bnieh peress li m'ghandux dritt jghaddi minn hemm. Ikkonferma li biex jasal ghar-raba' mahrut, jghaddi minn passagg indikat fid-dokument mahrug mil-Google Earth li gie mmarkat bhala Dok. MS3 (fol.411). Qal li dakinhar, biex seta' jghaddi kellu jahsad il-qamh. Rigward ir-ritratt imsemmi, qal li dan gie mehud wara s-seduta ta' Mejju u dan ghaliex huwa kellu sad-9 ta' April biex jaqla' l-patata. Inoltre qal li l-hajt dejjem kien mibni w qatt ma kien imwaqqa' w ghalkemm huwa ilu minn dejjem bl-eghlieqi u qatt ma ghadda minn din il-fetha. Cahad ukoll li hemm xi passaggi w il-pjanca taz-zingu li tidher ma jafx x'kienet qed taghmel hemm u zied li mhux minnu li dik kienet hemm ghax missieru jistkenn tahtha meta jmur ghall-kacca.

**Mario Bajada** xehed ghal darb'ohra fit-13 ta' Mejju, 2015 u spjega li qed jesebixxi numru ta' applikazzjonjiet li l-Qorti qed timmarka bhala Dokument Z. Dawn jirreferu ghas-snin *two thousand and fourteen*, *two thousand and nine*, *two thousand and eight*, *two thousand and six*, *two thousand and four*. Spjega illi ghas-snin l-ohrajn ma kienx hemm applikazzjoni naturalment ta' dawk il-*parcels* partikolari.

**L-attur Michael Muscat** xehed fit-13 ta' Mejju, 2015 u spjega li gie mitlub sabiex jindika fuq il-pjanta S annessa mat-tahrika tat-23 ta' April, 2015 liema filfatt hija r-raba u r-razzett tieghu. B'dana b'referenza ghar-raba li ma setghax jidhol ghalih mertu tal-kawza. Spjega illi fuq din il-pjanta r-razzett ma jidhirx pero' l-ghelieqi li ma setghax jidhol ghalihom jidhru fuq il-pjanta u qed jaghmel salib fuq il-pjanta. Huwa ndikahom b'salib. Huwa f'dawn il-porzjonijiet raba jizra qamh u patata u huwa jgorrhom jew bil-vann jew bit-*tractor* u jghaddi mir-razzett. Qed jindika fejn hemm passagg permezz tal-*line* blu fuq il-pjanta S u mbaghad hemm xatba mat-triq. Mistoqsi jekk hemmx xi entratura ohra fejn hemm X fuq il-pjanta S fejn hemm is-sigar spjega li m'hemmx u minn dan huwa cert. Meta jkun hemm mizrugh il-qamh huwa ma jsaqqix. Spjega li fil-fatt hemm raba mieghu u jgib l-ilma minn hemm. Ir-raba in kwistjoni tmiss ma tieghu. Huwa ghandu raba privat li m'ghandux x'jaqsam mal-mertu tal-kawza u jiehu l-ilma minn hemm. Spjega li filfatt jaghmel komunikazzjoni bil-pajpijiet. Indika bl-ittra Q fuq il-pjanta Dok. S minn fejn huwa jiehu l-ilma u mbaghad jitfa manka. Muri fejn hemm cirku fuq dan pjanta S jekk hemmx entratura ohra, spjega li le m'hemmx. Huwa jpoggi *pipe* biex jiehu l-ilma mbaghad inehhieh meta ma juzahx. Spjega li l-patata kien ilu ma jizraha. Dik is-sena biss zeraha. Il-qbiela huwa jhallas minn tar-razzett. Fejn hemm indikat Q ma jhallashiex il-Joint Office imma jhallasha lis-Sinjur. Huwa fil-fatt meta jaghmel l-ilma jaqbad manka u jaqbez il-hajt tal-ghalqa u meta jlesti jnehhiha. Huwa m'ghandu l-ebda access iehor bit-*tractor* jew bit-trakk minn band'ohra hlief minn fuq din il-proprjeta' ta' Dalli u huwa fil-fatt ihallas il-qbiela tar-razzett u jidhol minn hemm. Mistoqsi ta' min hi l-art li tinsab fuq iz-zewg nahat tac-cirku Dok. S, fejn hemm inidkat l-ittra Y, qal li l-ghelieqi huma tieghu fejn hemm indikat l-ittra Y.

Fl-istess seduta tat-13 ta' Mejju, 2015 l-konvenutipprezenta nota li permezz taghha esebixxa affidavit tal-accountant Mark Scalpello (Dok. MS a fol.369) fejn l-istess issottometta statement ibbazat fuq informazzjoni li l-konvenut kien tah. Hawnhekk Scalpello jghid li mill-informazzjoni mghoddija lilu jidher li ma

kien registrat l-ebda profit ghas-snin 2010 u 2012 u dan jindika li l-ispejjez kienu oghla mid-dhul. Fil-fatt Scalpello wera thassib dwar kif ma giex registrat profitt fuq art ta' 8118 metri kwadi (7 tomni).

Qal li fl-2008 kien registrat profit ta' €6107, izda kompla jispjega li meta tikkompara dan il-profitt mal-qies tal-art uzata, jirrizulta 'potential lost income' ta' €835. L-istess ragunament intuza ghas-sena 2009 minn fejn hareg li kien hemm 'potential income' ta' €75.

Zied li minn dak li gie ddikjarat mill-income tax returns u l-'potential income' li seta' rrizulta, fl-opinjoni tieghu seta' jkun hemm 'loss of earnings of not more than €940.32). Inoltre qal li mir-returns u minn dhul minn bejgh ta' qamh u patata mkabbra fuq artijiet ohra, rrizulta f'telf jew dhul minimu ghas-snin 2009, 2010, 2011 u 2012.

L-Accountant **Mark Scalpello** xehed viva voce nhar l-20 ta' Ottubru, 2015 fejn saritlu referenza ghall-affidavit tieghu li jinsab esebit a fol. 369 u beda billi kkonferma l-istess affidavit u ddikjara li wasal ghall-kalkoli tieghu skont dokumenti li gew moghtija lilu mis-Sur Dalli. Hawnhekk esebixxi kopja ta' dokumentazzjoni li nghatatlu mis-Sur Dalli li giet immarkata bhala Dok. MS. Qal li oltre dawn kellu wkoll kopja tat-tax returns ghas-snin 2008 sa 2012. Qal li x-sheet tal-workings hija dik indikata fid-dokument anness mal-affidavit tieghu a fol. 370.

Mistoqsi fuq kemm-il tomna kkalkula l-workings tas-Sur Muscat, ix-xhud wiegeb li 'total arable land in use' kif jirrizulta f'dokument a fol. 370 hija 59.328 metri kwadri. Spjega li ghamel 'simple proportion' ai fini ta' dak li kien gie dikjarat abbazi tat-tax returns u allura d-differenza hi dak li seta' qala' kieku kellu din il-bicca art bhala differenza.

Kompla jispjega li fid-dokument a fol. 370, fil-parti ta' fuq hemm id-dhul totali li kien gie dikjarat fit-tax returns, waqt li fil-parti t'isfel hemm dak li kien nieqes, u fejn hemm 'zero' tfisser li kien hemm 'loss'. Il-parti t'isfel, 'resultant loss' huwa dak li kellek tiehu 'in proportion' kieku kellek l-art qed tintuza kollha. Sostna li billi jkollok aktar art ma jfissirx li ghanek profitt akbar.

Zied li ha bhala kalkolu circa 67.446 metri kwadri u dan abbazi tad-dokumentazzjoni li giet moghtija lilu. Il-kalkoli tieghu saru fuq overall crop production bazata fuq ir-return li hemm fit-taxxa, pero' minn hawn ma tkunx tirrizulta l-area wzata. Minbarra full tax return jigi esebit ukoll l-income statement. Bhala ezempju spjega li fejn hemm dikjarat dhul ta' €6107, effettiment kien qed juza inqas minn 67.446 metri kwadri ta' art u ghalhekk kieku kien qed juza l-art kollha kien jiddikjara €8118. Iddikjara li l-area ta' 67.446 metri kwadri giet moghtija lilu mis-Sur Dalli kif korroborata mid-dokumentazzjoni li tinsab inserita fl-income tax. Stqarr li ma hax in konsiderazzjoni l-fatt li minn sena ghal ohra l-eghlieqi ma jintuzawx kollha w rega' nsista li huma mexa fuq dak dikjarat fl-Income Tax u naturalment x'sar mill-prodott ma jafx.

Fit-8 ta' Lulju 2015, **il-konvenut Emanuel Dalli** xehed in kontro-ezami u qal illi effettivament Alberta Tabone mietet aktar minn ghoxrin sena qabel u qal li kemm damet hajja din is-sinjura xorta kienet taghmel uzu mill-eghlieqi u r-razzett, ghalkemm ovvjament mhux sal-ahhar nett. Qal ukoll li z-zija Zeppa Tabone mietet qabel Alberta Tabone izda din ma kinitx taghmel uzu mir-razzett u mill-ghelieqi.

Qal li hu ghandu hanut tal-fajjenza w jahdem mid-disgha sa nofsinhar u mill-erbgha sas-sebgha. Ix-xhud gie muri dokument ED7 esebit f'dawn l-atti w meta mistoqsi jekk il-plot 7, 8, 11 kinux kollha mqabbla lil familjari tieghu wiegeb illi ma jafx. Jaf illi l-plot 7 imqabbla lil Michael Muscat, plot numru 8 lil Jimmy Dalli, plot 11 lil Michael Muscat u l-plot 16 hija tieghu.

Hu spjega li sakemm kellu seba' snin kienu joqoghdu l-Gudja, imbaghad marru Birzebbugia w ghaldaqstant sakemm kellu seba' snin kienu jmorru f'dawn l-eghlieqi regolarment, mbaghad ghal xi hames (5) jew seba' (7) snin minn meta mar Birzebbugia kien waqaf milli jmur u mbaghad rega' beda jmur, ovvjament mal-genituri tieghu. Kienu jmorru qisu darba kull hmistax ghalkemm ma kellhomx gurnata fissa, pero' lil Michael Muscat qatt ma rah fl-akkwati.

Jghid li ghalkemm jaf li z-zija tieghu Alberta kienet trabbi l-moghoz u l-fniek, izda ma jafx min kien ibiegh il-halib. Jaf pero' li l-bajd tat-tigieg kienet tbieghu iz-zija. Zied li ghalkemm f'nofs id-disghinijiet kien imur hemm, ma kienx jahdem ir-raba' u li kienu jmorru z-zijiet tieghu. Jghid illi ghaz-zijiet ir-raba' kienet kollox u ghalhekk meta kienu ghadhom hajjin ma kienx imur ta' spiss ghalkemm ir-raba kienet diga' fuq ismu. Kienu jahdmuha huma. Sostna li beda jahdem din l-ghalqa una volta mietu huma. Spjega li meta ha over, gieli qabbad lil Michael Muscat jahratlu l-ghalqa w kien ihallsu bil-hames liri t-tomna u sussegwentement sab persuna ohra li kien johodlu inqas, anzi spjega li kien itih servizzi ohra w allura beda jqabbad lilu, pero' d-dati meta spicca wiehed u beda l-iehor ma jafhomx. Jghid li din il-persuna hija wkoll kugin tieghu maghrufa bil-laqam Bexxa. Jghid li ma kienx jilhaq jahdimhom hu w ghalhekk kien iqabbad min jahdimhomlu, izda xoghol ta' manutenzjoni bhal per ezempju tiwsija ta' hitan, zabra tas-sigar tal-frott u affarijiet hekk, kien jaghmilhom hu. Bexxa kien jahratha, jizraha, jahsadha w jaghmel kollox u mbaghad kien involut ghax kien isib min jiehu l-prodott il-wicc.

Ix-xhud ikkonferma li nannuh kien ihalli lil missier Michael Muscat juza parti mir-razzett sabiex izommlu l-baghal. Isostni li qatt ma pprova jnehhi xi affarijiet ta' missier Michael Muscat u waqwfitu z-zija Berta w insista li qatt ma nehha xejn.

Rigward il-passagg imsemmi fl-affidavit tieghu jghid li kien dejjaq, xi zewg piedi, tlieta u kien ilu jezisti minn dejjem. Qal li x-xatba kienet wiesa' xi tmien piedi pero' kien hu stess li wessaghha ghax qabel kienet idjaq, xi sitt piedi pero' bl-ezatt ma jiftakarx. Cahad li l-wisa' tal-passagg kien l-istess wisa' tax-xatba. Ikkonferma li verament ma kien ra lil hadd iwaqqa' l-hajt li jifred il-proprjeta' tieghu minn tal-attur. Jghid li darba kien hemm pulizija u Joe Debono b'tarmacs fuq il-gebel lest biex itellghu, pero' hu (x-xhud) qallu li kien ha jtellghu hu basta ma jergax jghaddi minn hemm. Ikkonferma li Michael Muscat ghandu access min-naha l-ohra tar-raba' fejn jista' jghaddi anke bit-trakk ghax il-passagg huwa wiesa'. Naturalment, jghid, Michael Muscat jista' jghaddi mill-ghalqa tieghu stess li ghandu hdejn ir-razzett tieghu stess. Gie muri dokument esebit fl-atti mmarkat bhala Dokument ED7 a fol. 191 w indika permezz ta' cirku fejn hemm il-passagg taht is-sigar in kwistjoni hemm passagg. Semma li fl-ahhar xhieda tieghu, Michael Muscat qal li dik ir-raba' hija tieghu. Ix-xhud Dalli spjega li l-proprjetajiet bejn il-plot 1 u l-plot 7 indikati fuq din l-istess pjanta, cioe' zewg feles art, huma ta' Jimmy Dalli. Jghid li hu ma jafx fejn ihallas il-qbiela s-Sur Muscat. Mistoqsi jekk qattx dahal fil-passagg fejn hemm indikat b'cirku fuq id-Dokument ED7 taht is-sigar, jghid li iva dahal u zied li mhux veru li hemm fetha dejqa kemm tghaddi bil-pass izda hemm passagg li jghaddi trakk. Qal li anke bejn il-plot 1 u l-art ta' Jimmy Dalli, hemm wisgha li fiha jghaddi trakk ukoll. Ix-xhud ma jafx jekk Jimmy Dalli qattx ta permess sabiex jghaddu minn fuq l-ghalqa tieghu bl-ingenji, jaf pero' li meta ra lil missier is-sur Debono fl-ghalqa, dan ma kienx qed juza ngenji, dan kien qed jahdem fl-ghalqa jew ahjar kien prezenti fl-ghalqa. Pero' zgur li m'ghaddiex minn fuqu.

Ikkonferma li ma kienx appella minn sentenza moghtija mill-Imhallef Zammit McKeon ezebita fl-atti a fol. 217 u dan skond il-gwida tal-avukat tieghu. Jghid li qabel ma ghamel il-fetha, qatt ma ra lis-Sur Muscat jghaddi minn hemm.

Rat illi **fl-24 ta' Setttembru 2015** (fol. 383) **il-Qorti zammet access** fil-presenza tal-partijiet u dan fl-ghalqa mertu tal-kawza. Il-Qorti giet murija l-ghalqa mertu tal-kawza fejn fit-tarf taghha skond il-konvenut kien hemm passagg kif muri fir-ritratti esebiti minnu seduta stante mmarkati bhala Dok Q, liema ritratti allegatament gew mehuda minnu f'Gunju 2015. Il-partijiet qablu li fuq in-naha l-ohra tal-fetha hemm ghalqa ohra mahruta li tinsab ukoll fil-pussess tal-attur. Il-konvenut iddikjara illi din il-fetha nbniet fil-mori tal-kawza mit-13 ta' Mejju 2015 'l quddiem. Il-konvenut iddikjara wkoll illi l-attur minn dejjem kellu access ghall-ghalqa mertu tal-kawza minn hdejn razzett li huwa ghandu jmiss mal-ghalqa adjacenti mal-ghalqa in kwistjoni. Il-passagg l-iehor li jwassal ghall-ghalqa in kwistjoni mertu tal-kwza li minnu ghaddiet il-Qorti huwa wiehed bir-rigel. Gie indikat lill-Qorti li f'tarf l-ghalqa proprjeta' tal-konvenut fuq naha wahda hemm xatba tal-injam li taghti ghat-triq u min-naha l-ohra faccata tax-xatba hemm proprju dik il-parti tal-hajt li llum jinsab bhala fetha li tinfed ghall-ghalqa tal-attur. Il-konvenut iddikjara fil-presenza tal-Qorti li x-xatba in kwistjoni qatt ma kienet tissakkar.

Rat li fl-istess seduta tal-20 ta' Ottubru 2015, il-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx iktar provi xi jressqu w talbu zmien biex jipprezentaw in-noti ta' sottomissjonijiet taghhom.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur ipprezentata fit-18 ta' Novembru 2015 u n-nota responsiva tal-konvenut Emanuel Dalli pprezentata seduta stante nhar is-16 ta' Dicembru 2015.

Rat li fis-17 ta' Dicembru 2015 Emanuel Dalli pprezenta wkoll nota ohra fejn ecceppixxa:

*"Illi t-talbiet tal-attur huma preskritti bit-terminu ta' sentejn skond l-artikolu 2153 tal-Kodici Civili.*

*Illi l-azzjoni attrici hija msejsa fuq danni allegatament sofferti minnu ghall-perjodu minn Gunju 2007 sal-31 ta' Mejju, 2012 u dan kif jirrizulta minn fol. 2 tan-nota tal-osservazzjonijiet tal-istess attur.*

*Illi huwa m'ghandux provi godda xi jressaq dwar din l-ccezzjoni u jistrieh fuq il-provi kollha prodotti."*

Rat ukoll li fil-21 ta' Dicembru 2015 l-attur Michael Muscat ipprezenta nota ta' sottomissjonijiet responsiva limitatament ghall-eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Permezz ta' nota pprezentata fl-14 ta' Jannar, 2016 l-attur Michael Muscat ipprezenta nota li permezz taghha ddikjara li m'ghandux provi ohra xi jressaq rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ghaldaqstant fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2016 il-Qorti halliet il-kawza ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat:**

Illi f'din il-kawza in sintesi l-attur qed jitlob lil din il-Qorti tillikwida id-danni li huma dovuti lilu peress illi l-konvenut qabad u abbusivament ikkommetta spoll abbusiv fil-konfront tieghu bil-konsegwenza li ma setax jghaddi u jahdem ir-raba' tieghu kif ghamel fis-snin precedenti. Jghid li tul iz-zmien li baqa' ghaddej dan l-allegat spoll huwa garrab danni ghaliex halla r-raba' tieghu mhux mahdum u bhala konsegwenza ma kellux prodott xi jbiegh.

In linea preliminari l-konvenut eccepixxa ulterjorment l-preskrizzjoni ai termini ta' l-**Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 li** jipprovdi is-segwenti:

*"L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn".*

Ghax hija rilevanti kemm ghall-fini ta` din l-eccezzjoni, izda anke u fuq kollox minhabba l-qies tal-istanza fil-mertu, din il-Qorti sejra tikkunsidra l-ghamla ta` azzjoni li giet intavolata mill-attur sabiex tiddetermina jekk, apparti kull kwistjoni ta` prova tal-fondatezza o meno tal-eccezzjoni nnfisha, tistax tigi nvokata fil-kaz tal-lum l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tas-sentenza skond l-Art.2153.

Fis-sentenza riportata fil-**Kollez. Vol. XXXVII.I.140,** jinghad illi jezistu tliet xorta ta` danni: (i) dawk derivanti minn delitt veru u proprju; (ii) dawk l-ohra konnessi ma` htija akwiljana, u (iii) dawk dovuti naxxenti minn inadempjenza kontrattwali.

Fl-istess waqt huwa accettat fil-gurisprudenza illi din il-lista m'hijiex ezawrienti ghaliex jezistu danni ohra abbinati mal-fazi prekontrattwali u, ghaliex le, mal-fazi ta` l-invit ghall-offerti.

Issa huwa veru dak li jinsab ritenut illi "*il rapport giuridico nasce appena sorga il vincolo creatore della obbligazione; e lo stesso vincolo si considera effetuarsi quando vi è l`unione della proposta e della accettazione, perche in quell momento si immedesimano in modo tale da creare il vincolo. L` offerta, pero`, perche possa produrre tale effetto così importante nel campo giuridico da costringere l`offerente alla precisa esecuzione della proposta da lui previamente fatta e in difetto, al risarcimento dei danni, deve essere precisa e determinate"* (ara **Kollez. Vol. XXVIII.I.629)**, fl-istess waqt pero`, fl-assenza ta` dan il-vinkolu, kapaci jinholoq dannu.

Sabiex tghid jekk l-eccezzjoni tirrizultax inkella le, din il-Qorti trid tqis ukoll disposizzjonijiet ohra li jaghmlu parti mit-**Titolu XXV tal-Kap.**16 li jittratta

**Fuq il-Preskrizzjoni** u li fil-fehma taghha, fuq l-iskorta tal-provi akkwiziti, jista` jkollhom rilevanza ghall-kwistjoni de qua.

Senjatament qeghda tirreferi:

Ghall-**Art.2131(1)** li jaqra hekk:
*"Il-preskrizzjoni tinkiser b`talba gudizzjarja, ukoll jekk din it-talba ma tkunx giet innotifikata lill-konvenut minhabba li jkun nieqes minn Malta jew ghal xi raguni tajba ohra, basta li l-attur jissokta l-kawza kontra kuratur mahtur mill-qorti, bil-mod li jinghad fil-Kodici ta` Organizzazzjoni u Procedura Civili, u jiehu sentenza fuq dik it-talba.*

Ghall-**Art.2137** li jaqra hekk:
*"Bla hsara ta` disposizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta` azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista` tigi ezercitata minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss."*

Din il-Qorti sejra tghaddi biex tqis il-kwistjoni ta` minn meta skattat l-azzjoni ghad-danni. Tghid dan ghaliex l-attur jikkontendi li l-azzjoni setghet tkun minnu ezercitata b`effett mid-data tas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili bejn l-istess partijiet nhar il-31 ta' Mejju 2012 meta gie stabbilit li effettivament l-konvenut verament kien ikkommetta spoll vjolenti fil-konfront ta' l-attur. Il-konvenut jemmen li dan l-Artikolu 2153 ma japplikax u dan ghaliex fil-fehma tieghu jirrizulta li mis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili bejn l-istess partijiet nhar il-31 ta' Mejju 2012 jirrizulta car illi l-konvenut kellu obbligu legali li jippermetti lill-attur jghaddi minn gol-moghdija li kien hemm fl-ghalqa tieghu u ghalhekk dan jammonta ghal ksur ta' obbligu legali u konsegwentement kuntrattwali.

Il-Qorti pero' taghmel referenza ghal dak li jirigwarda ghemil ta' l-attur li qaghad jistenna l-ezitu ta' sentenza dikjaratorja ghas-sentenza tal-Qorti tal-

Appell tad-9 ta` Marzu 1994 fil-kawza "**Xuereb vs Zammit**". Dik is-sentenza qalet hekk:

*"... meta tkun sentenza tal-Qrati li tohloq id-dritt ta` azzjoni, isegwi, illi l-azzjoni gudizzjarja tista` tinbeda biss wara dik is-sentenza u li, wkoll, minn dik id-data tista` tibda tiddekorri l-preskrizzjoni. Mentri meta sentenza tkun semplicement dikjaratorja ta` x` kienet il-posizzjoni guridika korretta qabel beda l-procediment, allura, huwa daqstant iehor car li tali sentenza m`ghandha ebda rilevanza la ghal meta l-azzjoni tal-kreditur setghet tigi intavolata u konsegwentement, ghad-data li minnha bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni."*

Huwa principju tad-dritt illi d-data li taghti bidu ghall-preskrizzjoni hi determinabbli oggettivament u tibda tiddekorri mill-fatt tal-hsara (ara "**Scicluna vs Tracey**", deciza mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta` Gunju, 1900 (Vol.XVII.I.151) u "**Caruana vs Runza**", deciza minn din il-Qorti fis-7 ta` Mejju, 1999).

It-terminu tal-preskrizzjoni jista` jkun sospiz fil-kaz biss li jkun hemm impediment ta` dritt jew cirkostanza li jahseb ghaliha l-Art.2125, pero` mhux minhabba impediment ta` fatt, u dan in omagg ghall-principju li *contra non valentum agere non currit praescriptio* (ara "**Attard vs Fenech**", deciza mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta` Frar, 1965, "**Xuereb vs Zammit**" [op. cit.] u "**Chircop vs Muscat**", deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta` April, 2000).

L-awturi **Baudry-Lacantinerie u Tissier** (Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione Cap XII, par 364 pag. 279.) jaffermaw illi –

*"Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e` nato il diritto o l`azione che e` destinata ad estinguere. . ."*

Izjed 'l quddiem (para. 393 bis, pag 306, op.cit.) ighidu hekk –

*"La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell`evento che fa nascere il diritto rimasto finallora puramente eventuale"*

Dan premess, u wara li qieset il-fatti u cirkostanzi tal-kaz tal-lum, din il-Qorti hija tal-fehma li, ghall-fini tal-**Art.2137**, l-azzjoni ghal danni setghet tigi ezercitata mill-attur b`effett mis-**6 ta` Awwissu 2007** u cioe` id-data ta' meta ipprezenta ir-rikors quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fejn sostna li l-konvenut kien ikkommetta spoll vjolenti fil-konfront tieghu u minhabba f'hekk u allura garrab hsara (ara **- Kollez. Vol. XXVIII.I.726, Vol. XXIX.II.103, Vol. XXXVI.II.509 u Vol. XXXVII.I.622).**

Din il-Qorti sejra tghaddi issa biex tistharreg jekk tirrizultax pruvata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skond l-Art.2153.

Hu stabbilit fil-gurisprudenza illi min iqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju (Qorti tal-Appell – "**<u>Holland noe vs Chetcuti</u>**" – 25 ta` Frar 2000). Sinjifikanti f`dan ir-rigward huwa dak li qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha ta` l-4 ta` Dicembru 1987 fil-kawza "**<u>Causon vs Sheibani noe</u>**" –

"*Min jeccepixxi l-preskrizzjoni hu obbligat li jaghmel prova sodisfacenti tad-data meta l-perijodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekorri ghaliex diversament il-Qorti qatt ma tkun f`posizzjoni li tikkonstata jekk il-perijodu applikabbli tal-preskrizzjoni jkunx iddekorra jew le*".

Fil-kaz tal-lum, il-preskrizzjoni tas-sentejn bdiet tiskatta fis-**6 ta` Awwissu 2007.** Fl-istess sena 2007, meta l-attur ipprezenta l-kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rikors numru 842/2007) fejn *inter alia* **irriserva** kull azzjoni spettanti lilu inkluz ghalhekk dik ghad-danni.

Din il-Qorti tghid illi l-prezentata tal-kawza u **r-riserva specifika** tal-azzjoni ghal danni interrompiet il-perijodu ta` preskrizzjoni tas-sentejn sakemm kienet deciza il-kawza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili. Mis-sentenza 'l quddiem, beda jiddekorri mill-gdid iz-zmien tal-preskrizzjoni. Jirrizulta li l-azzjoni ghal danni baqghet ma ghaddietx in preskrizzjoni ghaliex il-prezentata tal-kawza tal-lum saret fid-19 ta` Ottubru 2012 u allura entro s-sentejn mill-interruzzjoni tal-preskrizzjoni ghaliex il-kawza li saret quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Rik Numru 842/2007) giet deciza fil-31 ta' Awwissu 2012.

F`dak li ghadu kif inghad din il-Qorti ssib konfort fil-gurisprudenza li tghid illi r-riserva ta` dritt f`att gudizzjarju inkella f`talba gudizzjarja tinterrompi l-preskrizzjoni (ara –"**Bingham vs Walker**" – Qorti tal-Appell – 11 ta` Dicembru 1874 – Kollez. Vol. VII.229 ; "**Borg vs Grech et**" – Qorti tal-Appell – 22 ta` Dicembru 1948 – Kollez. Vol. XXXIII.I.695 ; "**Tabone vs Tabone et**" – Prim`Awla tal- Qorti Civili – 28 ta` Novembru 1957 – Vol. XLI.II.1173 ; "**Cuschieri noe vs Mifsud noe**" (Qorti tal-Kummerc – 15 ta` Marzu 1973). Fil-kaz tal-lum, kien hemm interruzzjoni ghaliex kien evidenti mill-att tar-rikors stess illi l-attur noe ried jikkonserva d-dritt tieghu (ara – *inter alia* – "**Grima vs Cassar Galea**" – Qorti tal-Appell – 16 ta` Dicembru 1966 – Vol.LI.346).

Din il-Qorti tghid ukoll illi huwa principju tad-dritt illi l-preskrizzjoni ghandha tinghata interpretazzjoni restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti dubbju dwar l-applikabilita` taz-zmien preskrittiv, dak id-dubbju ghandu jmur kontra min jeccepixxi l-preskrizzjoni (**"Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited vs Dismar Company Limited"** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta PA/JRM fit-12 ta` Ottubru 2004, u **"Ellul noe vs Vella noe"** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta` Mejju 2001).

Konsegwentement din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni qed tigi michuda.

Fuq il-mertu, fl-ewwel lok l-konvenut jistqarr li l-attur ma kellu ebda dritt ta' passagg fuq il-proprjeta' tieghu u ghalhekk ma seta' qatt jikkawzalu danni. Fil-fatt jghid li l-attur stess irid jipprova li kellu dan il-jedd ta' passagg qabel ma jista' jivvanta talba ghad-danni. U ad ogni caso l-konvenut jhoss li t-talba ta' l-attur hija wahda eccessiva.

Illi huwa minnu li min jallega irid jipprova u ghalhekk huwa l-attur li kellu jipprova t-titolu tieghu u cioe' li huwa kellu dritt jghaddi minn fuq il-proprjeta' tal-konvenut. L-attur jikkontendi li huwa ghandu l-ghalqa kif indikata fil-pjanti esebiti u sabiex jaccedi ghaliha ghandu dritt kemm bir-rigel kif ukoll bl-ingenji u dan kemm ghar-razzett (li ghandu bieb) kif ukoll ghall-ghalqa u dan minn moghdija li taghti ghal Triq B'Bugia u tghaddi minn fuq art li jiddetjeni l-konvenut. Mhux kompitu ta' din il-Qorti tistqarr it-titolu tal-attur pero' m'hemmx dubbju li bejn il-proprjeta ta' l-attur u dik tal-konvenut kien hemm fetha. Dan jidher kemm vizwalment mill-access li sar kif ukoll hu korroborat mix-xhieda li ta Joseph Debono f'diversi okkazjonijiet u mis-sentenza fuq citata. Jirrizulta li minn fetha ta' disgha piedi dejjaq il-fetha ghal zewg piedi u nofs . Il-konvenut donnu jaghmel enfasi li l-attur kellu minn fejn jghaddi u cioe' minn band'ohra pero' din mhix il-kwistjoni jew ahjar il-pern tal-kawza odjerna. L-attur qed isostni li b'dak l-agir tal-konvenut li dejjaqlu l-fetha huwa sofra danni ghaliex ma setax jadhem ir-raba tieghu kif misthoqq. F'kaz li l-konvenut hass li l-attur ma kellux titolu fuq il-moghdija messu pprezenta kawza quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili u talab is-sospensjoni ta' din il-kawza sakemm ikun hemm decizjoni f'dan ir-rgiward, haga li m'ghamilx, u ghalhekk din il-Qorti trid tqis u tiehu kaz is-sentenza li nghatat mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar il-31 ta' Mejju 2012 Dok CZ1 (fol. 65) fl-istess ismijiet premessi meta dik il-Qorti iddikarat li l-konvenut kien ikkommetta spoll billi dejjaq il-fetha li kien hemm bejn l-ghaqla ta' l-attur u dik tieghu billi qieghed gebel inkluz tal-kantun b'mod li l-fetha ma baqghetx wiesgha disa' piedi izda saret zewg piedi u nofs.

Ghalhekk dwar l-eccezzjoni tal-konvenut li effettivament l-attur kellu jipprova it-titolu tieghu jinghad li b'din is-sentenza appena citata jirrizulta kuntrarjament ghal dak li stqarr l-konvenut li bejn il-proprjetatjiet attigwi tal-kontendenti kien hemm fetha u li l-attur kellu dritt ta' access minnha meta kienet wiesgha disa' piedi.

Dwar il-*quantum* tad-danni hawnhekk ukoll l-konvenut jsostni li t-talba ta' l-attur hija wahda eccessiva. Jinghad li din hija kwistjoni teknika u kien ghalhekk li din il-Qorti kienet innominat lill-Espert Dr. Charles Francis Grech sabiex jivverifika d-dokumenti u jara jekk it-talba attrici kinitx wahda eccessiva fic-cirkostanzi.

L-attur ressaq bhala prova stima li giet mmarkata bhal Dok MM3 a fol 19 dwar it-telf ta' prodott mill-ucuh tar-raba' tul is-snin 2008 sa 2012 u dan fl-ammont ta' tlett elef, hames mija u sebgha ewro u tmienja u tletin centesmu (€3,507.38). Illi din giet korroborata permezz ta' diversi dokumenti ohra fosthom l- income tax returns u ricevuti ohra. L-attur ressaq lil Mark Scarpello l-accountant tieghu jixhed u dan spjega kif effettivament kien hadem l-istima Dok MM3. In segwitu l-Qorti kienet innominat lil Dr Charles Francis Grech sabiex jezamina dan id-dokument u jara jekk iridx jaqbel mieghu jew jaghmel xi varjazzjoni fih stante li din hija prova *ex parte* u dan sabiex taghmel gustizzja maz-zewg partijiet. Il-Perit Tekniku ikkonkluda li effettivament kellu inaqqas din l-istess somma bl-ammont ta' mitejn u hamsin ewro u tmienja u tletin ewro (€250.38). B'hekk kien ikkonkluda li d-danni li sofra l-attur kienu jammontaw ghall-ammont ta' tlett elef, mitejn u hamsin ewro (€3,250).

Din il-Qorti tghid li konsiderazzjonijiet u konsegwenti konkluzjonijiet ta' natura teknika ta' perit mahtur mill-Qorti bhal dawk li saru fil-kaz tal-lum jikkostitwixxu prova ferm importanti ghall-gudikant biex ikun jista' jasal ghad-decizjoni tieghu.

Dwar il-konkluzjonijiet ta’ espert tekniku, il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tad-19 ta’ Novembru 2001 fil-kawza **“Calleja vs Mifsud”** irriteniet li:

*“Kemm il-kostatazzjonijiet tal-perit tekniku nominat mill-Qorti kif ukoll il-konsiderazzjonijiet u opinjonijiet esperti tieghu jikkostitwixxu skond il-ligi prova ta' fatt li kellhom bhala tali jigu meqjusa mill-Qorti. Il-Qorti ma kenitx obbligata li taccetta r-rapport tekniku bhala prova determinanti u kellha dritt li tiskartah kif setghet tiskarta kull prova ohra. Mill-banda l-ohra pero', huwa ritenut minn dawn il-Qrati li kellu jinghata piz debitu lill-fehma teknika ta' l-espert nominat mill-Qorti billi l-Qorti ma kellhiex leggerment tinjora dik il-prova. Hu manifest mill-atti u hu wkoll sottolinejat fir-rikors ta' l-appell illi l-mertu tal-prezenti istanza kien kollu kemm hu wiehed ta' natura teknika li ma setghax jigi epurat u deciz mill-Qorti minghajr l-assistenza ta' espert in materja. B'danakollu dan ma jfissirx illi l-Qorti ma kellhiex thares b'lenti kritika lejn l-opinjoni teknika lilha sottomessa u ma kellhiex tezita li tiskarta dik l-opinjoni jekk din ma tkunx wahda sodisfacentement u adegwatament tinvesti l-mertu, jew jekk il-konkluzjoni ma kenitx sewwa tirrizolvi l-kwezit ta' natura teknika.”*

Dan l-insenjament huwa rilevanti u japplika ghall-kaz tal-lum. Ghalkemm ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku hi sfavorevoli ghall-konvenut, dan ghazel li ma jressaqx talba ghall-hatra ta’ periti teknici addizzjonali u llimita ruhu li fl-ewwel lok jeskuti lill-perit tekniku.

Fis-sentenza taghha moghtija fil-25 ta’ Settembru 2003 fil-kawza “**Grech et vs Grech et**” – din il-Qorti diversament presjeduta rriteniet:

*“Bil-ligi u b'harsien tal-massima dictum “expertorum numquam transit in rem judicatam” il-Qorti mhix marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapport tal-perit mahtur minnha kontra l-konvinciment taghha nfisha. Imma l-fehmiet ta' perit mahtur minn qorti u maghmula f'rapport imressaq minnu m'humiex*

*semplicement opinjonijiet izda jikkostitwixxu prova ta' fatt, specjalment f'oqsma fejn il-hatra tkun dwar hwejjeg teknici. Fehmiet bhal dawk m'ghandhomx, l-aktar fejn parti ma tkunx irrikorriet ghall-hatra ta' periti addizzjonali, tigi mwarrba kif gieb u lahaq, sakemm ma jkunx jidher sodisfacentement li tali fehmiet huma, fil-kumpless kollu tac-cirkostanzi, irragonevoli."* (ara wkoll – **"Bugeja et vs Muscat"** – Appell Kummercjali – 23 ta' Gunju 1967).

*"Ir-rigett minn Qorti ta` l-opinjonijiet ta` perit tekniku ma jistax isir b'mod legger jew kapriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha* (u cioe` ta` loti) *trid tkun ben informata u bazata fuq ragunijiet li gravement ipoggu fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b`ragunijiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjoni ta` l-aspett tekniku tal-materja taht ezami"* ("**Grima vs Mamo et noe" –** Qorti tal-Appell – 29 ta' Mejju 1998).

Ghalhekk 'in fin' `dei conti` *qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta` tali relazzjoni ma kenetx gusta u korretta. Din il-konvinzjoni pero` kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku."* ("**Cauchi vs Mercieca**" – Qorti tal-Appell – 6 ta' Ottubru 1999 ; "**Saliba vs Farrugia**" – Qorti tal-Appell – 28 ta' Jannar 2000 u "**Calleja noe vs Mifsud**" – Qorti tal-Appell – 19 ta` Novembru 2001).

Din il-Qorti tghid li l-mertu tal-kawza tal-lum huwa principalment impernjat fuq konsiderazzjonijiet teknici, u mhux biss fuq apprezzament tal-provi prodotti f'kuntest legali u dan ghaliex din il-Qorti kellha tillikwida id-danni una volta kienu dovuti f'qasam li ma tantx tifhem fih u cioe' fl-agrikoltura.

In partikolari, sabiex hejja r-rapport tieghu, il-perit tekniku iltaqgha mal-partijiet u ra d-dokumenti esebiti fl-atti u kkonstata l-istess dak hemm identifikat. Il-perit tekniku fisser fid-dettall ir-ragunijiet li waslu ghall-

konkluzjonijiet tieghu. Din il-Qorti tqis ragonevoli u ben sostnuti l-osservazzjonijiet tal-perit tekniku u l-konkluzjonijiet tieghu. Ghaldaqstant, anke wara li tat il-konsiderazzjoni dovuta lis-sottomissjonijiet tal-partijiet, din il-Qorti ma ssibx ragunijiet fondati ghaliex ghandha tiddiskosta ruhha mill-konkluzjonijiet peritali.

Ghalhekk tghid li dawk il-konkluzjonijiet jimmeritaw li jkunu ben akkolti anke ghaliex kif qalet il-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Frar 2001 fil-kawza **"Camilleri noe vs Debattista":** *"ikun pruzuntuz ghall-gudikant illi jiddipartixxi bla raguni verament valida mir-relazzjoni teknika. Dan mhux biss ghax ma kellux il-mezzi ghad-disposizzjoni tieghu biex serenament jinoltra ruhu fl-aspetti teknici tal-mertu, imma wkoll ghaliex necessarjament tkun tonqsu dik ilkonoxxenza mehtiega biex, b'mod kritiku, jasal ghal konvinciment divers minn dak li jkun wasal ghalih l-espert nominat minnu."*

**Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijeit kollha sollevati mill-konvenut, tilqa' it-talba attrici b'dan illi qed tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma ridotta fl-ammont ta' tlett elef, mitejn u hamsin ewro (€3,250).**

**L-ispejjez tal-kawza ghandhom jigu sopporati nofs bin-nofs bejn il-partijiet stante li l-ammont originarjament mitlub mill-attur kien aktar mid-doppju ta' dak li gie likwidat minn din il-Qorti.**

**Dr Consuelo Scerri Herrera LL.D.**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**